IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 21.12.2016
COM(2016) 881 final

2016/0407 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen għar-ritorn ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi li jirrisjedu illegalment**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

### • Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

Tul dawn l-aħħar sentejn, l-Unjoni Ewropea kienet qed taħdem biex tindirizza simultanjament l-isfidi separati tal-ġestjoni tal-migrazzjoni, il-ġestjoni integrata tal-fruntieri esterni tal-UE u l-ġlieda kontra t-terroriżmu u r-reati transfruntieri. L-iskambju effettiv ta' informazzjoni fost l-Istati Membri, u bejn l-Istati Membri u l-aġenziji rilevanti tal-UE, huwa essenzjali biex jingħata rispons b'saħħtu għal dawk l-isfidi u biex tinbena Unjoni tas-Sigurtà effettiva u ġenwina.

Is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) hija l-aktar għodda ta' suċċess għall-kooperazzjoni effettiva tal-awtoritajiet tal-immigrazzjoni, tal-pulizija, dawk doganali u dawk ġudizzjarji fl-UE u l-pajjiżi assoċjati ta' Schengen. L-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri bħall-pulizija, il-gwardji tal-fruntieri u l-uffiċjali doganali jeħtieġu li jkollhom aċċess għal informazzjoni ta' kwalità għolja dwar il-persuni jew l-oġġetti li jkunu qed jikkontrollaw, b'istruzzjonijiet ċari dwar x'hemm bżonn isir f'kull każ. Din is-sistema ta' informazzjoni fuq skala kbira tinsab fil-qalba nett tal-kooperazzjoni Schengen u għandha rwol kruċjali fl-iffaċilitar tal-moviment liberu tal-persuni fiż-żona Schengen. Is-sistema tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti jdaħħlu u jikkonsultaw data dwar persuni mfittxija, persuni li jista' ma jkollhomx id-dritt li jidħlu jew li joqogħdu fl-UE, persuni nieqsa - b'mod partikolari tfal - u oġġetti li setgħu nsterqu, ġew misapproprjati jew mitlufa. Is-SIS fiha mhux biss informazzjoni dwar persuni jew oġġetti partikolari iżda anki struzzjonijiet ċari għall-awtoritajiet kompetenti dwar x'għandhom jagħmlu b'dik il-persuna jew l-oġġett ladarba jinstabu.

Fl-2016, il-Kummissjoni wettqet evalwazzjoni komprensiva[1] tas-SIS, tliet snin wara li bdiet taħdem it-tieni ġenerazzjoni tagħha. Din l-evalwazzjoni uriet li s-SIS kienet suċċess operattiv ġenwin. Fl-2015, l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali kkontrollaw persuni u oġġetti permezz ta' data miżmuma fis-SIS fi kważi 2,9 biljun okkażjoni u skambjaw 'il fuq minn 1,8 miljun silta ta' informazzjoni supplimentari. Minkejja dan, kif imħabbar fil-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2017, bi tkomplija ta' din l-esperjenza pożittiva, jenħtieġ li l-effettività u l-effiċjenza tas-sistema jissaħħu ulterjorment. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni qed tippreżenta l-ewwel sett ta' tliet proposti biex jittejjeb u jiġi estiż l-użu tas-SIS bħala riżultat tal-evalwazzjoni filwaqt li tkompli bil-ħidma tagħha biex is-sistemi ta' infurzar tal-liġi u ta' ġestjoni tal-fruntieri eżistenti u futuri jsiru aktar interoperabbli, bi tkomplija fuq il-ħidma li għaddejja tal-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar is-Sistemi ta' Informazzjoni u l-Interoperabbiltà.

Dawn il-proposti jkopru l-użu tas-sistema (a) għall-ġestjoni tal-fruntieri, (b) għall-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali, u (c) għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu illegalment. L-ewwel żewġ proposti flimkien jiffurmaw il-bażijiet legali għall-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-SIS. Il-proposta għall-użu tas-SIS għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu illegalment tissupplimenta l-proposta għall-ġestjoni tal-fruntieri u tikkumplimenta d-dispożizzjonijiet li hemm fiha. Din

[1] Ir-Rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-evalwazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II) skont l-Artikolu 24 (5), 43 (3) u 50 (5) tar-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u l-Artikolu 59 (3) u 66 (5) tad-Deċiżjoni 2007/533/ĠAI u Dokument ta' Ħidma tal-Persunal ta' akkumpanjament. (ĠU…).

tistabbilixxi kategorija ta' twissija ġdida u tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tad-Direttiva 2008/115/KE[2].

Minħabba l-ġeometrija varjabbli fil-parteċipazzjoni tal-Istati Membri fil-linji politiċi tal-UE fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja, jeħtieġ li jiġu adottati tliet strumenti legali separati li madankollu xorta jaħdmu mingħajr problemi flimkien biex jippermettu t-tħaddim u l-użu komprensivi tas-sistema.

B'mod parallel, bil-ħsieb li tissaħħaħ u tittejjeb il-ġestjoni tal-informazzjoni fil-livell tal-UE, f'April 2016, il-Kummissjoni bdiet proċess ta' riflessjoni dwar "Sistemi ta' Informazzjoni Aktar b'Saħħithom u Aktar Intelliġenti għall-Fruntieri u s-Sigurtà"[3]. L-objettiv sovrastanti huwa li jkun żgurat li l-awtoritajiet kompetenti sistematikament ikollhom l-informazzjoni neċessarja minn sistemi ta' informazzjoni differenti għad-dispożizzjoni tagħhom. Sabiex tikseb dan l-objettiv, il-Kummissjoni kienet qed tirrevedi l-arkitettura ta' informazzjoni eżistenti biex tidentifika lakuni ta' informazzjoni u blind spots li jirriżultaw minn nuqqasijiet fil-funzjonalitajiet ta' sistemi eżistenti, kif ukoll mill-frammentazzjoni fl-arkitettura ġenerali tal-UE għall-ġestjoni tad-data. Il-Kummissjoni stabbiliet Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar is-Sistemi ta' Informazzjoni u l-Interoperabbiltà biex jappoġġa din il-ħidma, li s-sejbiet interim tiegħu wkoll iggwidaw dan l-ewwel sett ta' proposti fir-rigward ta' kwistjonijiet ta' kwalità tad-data[4]. Fid-diskors tiegħu dwar l-Istat tal-Unjoni f'Settembru 2016 il-President Juncker ukoll għamel referenza għall-importanza li jingħelbu n-nuqqasijiet attwali fil-ġestjoni tal-informazzjoni u li jitjiebu l-interoperabbiltà u l-interkonnessjoni bejn is-sistemi ta' informazzjoni eżistenti.

Wara s-sejbiet tal-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar is-Sistemi ta' Informazzjoni u l-Interoperabbiltà, li ser jiġu preżentati fl-ewwel nofs tal-2017, il-Kummissjoni ser tikkunsidra t-tieni sett ta' proposti biex ittejjeb ulterjorment l-interoperabbiltà tas-SIS ma' sistemi tal-IT oħra f'nofs l-2017. Ir-reviżjoni tar-Regolament (UE) Nru 1077/2011[5] li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (eu-LISA) hija element ugwalment importanti ta' din il-ħidma u x'aktarx tkun is-suġġett ta' proposti tal-Kummissjoni separati anki fl-2017. L-investiment fi skambju ta' informazzjoni u ġestjoni ta' informazzjoni rapidi, effettivi u kwalitattivi u l-iżgurar tal-interoperabbiltà tal-bażi ta' data u tas-sistemi ta' informazzjoni tal-UE huwa aspett importanti fl-indirizzar tal-isfidi ta' sigurtà attwali.

B'dan l-isfond, l-għan tal-proposta preżenti huwa li jittejjeb u jiġi estiż l-użu tas-SIS billi jsir obbligatorju li l-awtoritajiet tal-Istati Membri jdaħħlu fis-SIS id-deċiżjonijiet ta' ritorn kollha maħruġa skont id-dispożizzjonijiet b'rispett għad-Direttiva 2008/115/KE, sabiex tkun possibbli l-viżibbiltà tagħhom mal-UE kollha u għalhekk jissaħħaħ l-infurzar tagħhom. Il-proposta twessa' l-ambitu ta' applikazzjoni tas-SIS attwali billi tintroduċi kategorija ta' twissija ġdida għal deċiżjonijiet ta' ritorn.

[2] Id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment, (ĠU L 348, 24.12.2008, p. 98).

[3] COM(2016) 205 final tas-6.4.2016.

[4] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2016/C 257/03 tas-17.6.2016.

[5] Ir-Regolament (UE) Nru 1077/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (ĠU L 286, 1.11.2011, p. 1).

Il-proposta għall-ġestjoni tal-fruntieri diġà fiha d-dispożizzjonijiet dwar id-dħul u l-ipproċessar ta' twissijiet abbażi ta' projbizzjonijiet ta' dħul maħruġa skont id-dispożizzjonijiet li jirrispettaw id-Direttiva 2008/115/KE fis-SIS. Dawn il-miżuri jibnu fuq l-acquis ta' Schengen peress li jappoġġaw il-kontrolli fil-fruntieri esterni tal-UE. Id-dħul u l-ipproċessar ta' twissijiet relatati ma' deċiżjonijiet ta' ritorn skont id-dispożizzjonijiet li jirrispettaw id-Direttiva 2008/115/KE fis-SIS jappoġġaw il-politika komuni tal-UE dwar l-immigrazzjoni u għaldaqstant huma stabbiliti fi strument separat. Il-proposta dwar ir-ritorn tibni fuq id-dispożizzjonijiet ġenerali dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-SIS previsti fil-proposta dwar il-ġestjoni tal-fruntieri. Minħabba dawn ir-rabtiet mill-qrib jenħtieġ li tiġi adottata, tidħol fis-seħħ u tapplika fl-istess ħin bħall-istrument ta' ġestjoni tal-fruntieri.

Il-proposta għall-estensjoni tal-użu tas-SIS biex ikun hemm segwitu għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu illegalment ser tappoġġa u ssaħħaħ l-azzjonijiet tal-Unjoni Ewropea lejn politika dwar il-migrazzjoni tal-UE integrata, sostenibbli u olistika. Ir-ritorn ta' migranti irregolari li ma għandhomx dritt joqogħdu fl-UE lejn il-pajjiżi ta' oriġini tagħhom, b'rispett sħiħ għall-prinċipju ta' *non-refoulement*, , huwa parti essenzjali mill-politika tagħna dwar il-migrazzjoni kif enfasizzat fl-*Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni*[6]. Madankollu, is-sistema ta' ritorn tal-UE ma taħdimx b'mod perfett u mhijiex effettiva biżżejjed. L-istatistika disponibbli mill-Eurostat turi li, matul dawn l-aħħar snin, kienu biss madwar 40 % tal-migranti irregolari li kellhom jitilqu mill-UE li effettivament telqu; fl-2015, 553 395 ċittadin ta' pajjiż terz kienu ordnati jitilqu, iżda effettivament 226 800 biss intbagħtu lura.

Bl-eskalazzjoni tal-kriżi ta' migrazzjoni u refuġjati fl-2015, il-ħtieġa li jittieħdu passi effettivi biex tiġi indirizzata l-migrazzjoni irregolari u tiżdied ir-rata ta' ritorn ta' migranti irregolari żdiedet konsiderevolment. Din hija r-raġuni għalfejn il-Kummissjoni qed timplimenta l-miżuri kollha mħabbra fil-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar ir-Ritorn[7]. Dawn il-miżuri huma neċessarji sabiex tkun assigurata l-fiduċja tal-pubbliku fil-politika tal-UE dwar il-migrazzjoni u l-ażil u biex ikun provdut appoġġ adegwat lill-persuni li jeħtieġu protezzjoni. Filfatt, sistema Ewropea li jkollha suċċess akbar fir-ritorn ta' migranti irregolari lejn il-pajjiżi ta' oriġini tagħhom timxi id f'id mal-isforzi mġedda biex ikunu mħarsa dawk li jeħtieġu protezzjoni.

Biex tittejjeb l-effiċjenza tal-politika tar-ritorn tal-UE, kooperazzjoni mal-pajjiżi ta' oriġini hija essenzjali. Huwa għalhekk li f'Ġunju 2016, il-Kunsill Ewropew ikkonkluda li l-UE għandha tistabbilixxi u timplimenta rapidament il-Qafas ta' Sħubija ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi individwali ta' oriġini jew ta' tranżitu bbażat fuq inċentivi effettivi u kundizzjonalità adegwata. Il-Kummissjoni hija attivament impenjata li tiżviluppa dawn is-sħubiji. Madankollu, l-abbiltà tal-UE li tirritorna lil migranti irregolari mhix marbuta biss mal-kooperazzjoni ma' pajjiżi ta' oriġini jew ta' tranżitu. L-isfidi li jiġu ritornati l-migranti irregolari jirriżultaw ukoll minn ostakli interni f'sistemi ta' ritorn nazzjonali u speċjalment id-diffikultajiet biex l-Istati Membri jinfurzaw id-deċiżjonijiet ta' ritorn.

Fil-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar ir-Ritorn u fil-Komunikazzjoni dwar "Sistemi ta' Informazzjoni aktar b'saħħithom u aktar intelliġenti għall-Fruntieri u s-Sigurtà"[8] il-Kummissjoni identifikat il-ħtieġa li jkunu sfruttati aħjar is-sistemi ta' IT fuq skala kbira bl-għan li tinbena sistema ta' ritorn aktar effettiva. Fil-Konklużjonijiet tiegħu tal-25-26 ta' Ġunju 2015, il-Kunsill Ewropew appella għall-inklużjoni ta' deċiżjonijiet ta' ritorn fis-SIS, bil-ħsieb

[6] COM (2015) 240 final.
[7] COM (2015) 453 final.
[8] COM (2016) 205 final.

li tittejjeb l-effettività tagħhom[9]. Il-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni kkonferma dan l-appell fil-konklużjonijiet tiegħu tat-8-9 ta’ Ottubru 2015[10].

Attwalment ma hemm l-ebda sistema mifruxa mal-UE kollha għall-kondiviżjoni ta’ informazzjoni dwar deċiżjonijiet ta’ ritorn maħruġa mill-Istati Membri skont id-dispożizzjonijiet li jirrispettaw id-Direttiva 2008/115/KE, u għall-monitoraġġ ta’ jekk iċ-ċittadini ta’ pajjiżi terzi soġġetti għal dawn id-deċiżjonijiet ikunux fil-fatt telqu mit-territorju tal-Istati Membri. Din is-sitwazzjoni tagħmilha aktar faċli għall-migranti irregolari li jevitaw jew jipprevjenu l-infurzar ta’ deċiżjoni eżistenti billi sempliċiment imorru lejn Stat Membru ieħor. F’dawn is-sitwazzjonijiet, l-awtoritajiet pubbliċi tal-Istat Membru li jkun qed jarresta lill-migrant irregolari ma jkunux konxji li kienet diġà nħarġet deċiżjoni ta' ritorn skont id-dispożizzjonijiet li jirrispettaw id-Direttiva 2008/115/KE minn Stat Membru ieħor. L-Istat Membru ta’ arrest għaldaqstant ikollu bżonn iniedi mill-ġdid il-proċeduri ta’ ritorn mill-bidu nett, u b’hekk jittawwal ulterjorment is-soġġorn illegali u r-ritorn tal-migrant irregolari jittardja.

Il-viżibbiltà ta’ deċiżjonijiet ta’ ritorn ta’ Stati Membri oħra permezz ta’ twissija fis-SIS, flimkien mal-possibbiltà għall-iskambju ta’ informazzjoni supplimentari permezz ta’ punt uniku ta’ kuntatt nazzjonali, bħall-Bureaux SIRENE, jistgħu jgħinu biex tiġi indirizzata din il-lakuna ta’ informazzjoni. Il-pussess ta’ aktar informazzjoni fir-rigward taċ-ċirkustanzi individwali tal-persuna kkonċernata jagħmilha possibbli biex l-awtoritajiet tal-Istat Membru jieħdu l-aktar azzjoni adatta b’mod rapidu u f’waqtu. L-għarfien taċ-ċirkustanzi kollha relatati mal-migrant irregolari inkwistjoni jista’ jiġġustifika, pereżempju, li ma jingħatax perjodu ta’ tluq volontarju jew li jintużaw miżuri għall-prevenzjoni tar-riskju ta’ ħarba. Barra minn hekk, l-għarfien tal-eżistenza ta’ deċiżjoni ta’ ritorn maħruġa minn Stat Membru ieħor skont id-dispożizzjonijiet li jirrispettaw id-Direttiva 2008/115/KE jkun jiffaċilita r-rikonoxximent reċiproku ta’ dawn id-deċiżjonijiet fost l-awtoritajiet tal-migrazzjoni, f’konformità mal-acquis tal-UE[11]; din l-opzjoni rari tintuża minħabba n-nuqqas attwali ta’ informazzjoni.

Barra minn hekk, l-Istati Membri ta’ spiss ma jkunux konxji min-numru ta’ migranti irregolari li jirrispettaw id-deċiżjonijiet ta’ ritorn. Dan huwa partikolarment il-każ għal dawk il-migranti irregolari li jitilqu mill-UE minn rajhom, pereżempju mingħajr ma jiksbu assistenza għar-ritorn volontarju jew mingħajr ma jkunu soġġetti għal tneħħija mġiegħla. Bl-inklużjoni sistematika ta’ deċiżjonijiet ta' ritorn maħruġa skont id-dispożizzjonijiet li jirrispettaw id-Direttiva 2008/115/KE fis-SIS u bl-azzjoni xierqa meħuda wara li twissija ta’ ritorn tirriżulta pożittiva, is-SIS tista’ tgħin biex tkun verifikata l-konformità ma’ dawk id-deċiżjonijiet ta’ ritorn u biex l-azzjonijiet tal-awtoritajiet kompetenti jitwettqu b’aktar informazzjoni. Meta ċittadin ta' pajjiż terz soġġett għal deċiżjoni ta’ ritorn maħruġa skont id-dispożizzjonijiet li jirrispettaw id-Direttiva 2008/115/KE jkun kontrollat meta jkun ħiereġ mit-territorju tal-Istati Membri, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jkunu jistgħu jirrappurtaw it-tluq u jikkonfermaw il-konformità volontarja jew imġiegħla mal-obbligu ta’ ritorn.

---

9 Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-25 u tas-26 ta’ Ġunju 2015 (ST 22 2015 INIT).

10 Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-futur tal-politika tar-ritorn, disponibbli fuq: http://www.consilium.europa.eu/press-releases-pdf/2015/10/40802203341_mt.pdf

11 Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/40/KE tat-28 ta’ Mejju 2001 dwar ir-rikonoxximent reċiproku tad-deċiżjonijiet dwar l-espulsjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, ĠU L 149, 2.6.2001, p. 34; u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/191/KE tat-23 ta’ Frar 2004 li tistabbilixxi l-kriterji u l-arranġamenti prattiċi għall-kumpens tal-iżbilanċi finanzjarji li jirriżultaw mill-applikazzjoni tad-Direttiva 2001/40/KE dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet dwar it-tkeċċija ta' ċittadini ta' pajjiż terz, ĠU L 60, 27.2.2004, p. 55.

Il-konferma ta’ ritorn innifisha mbagħad tnaqqas il-ħtieġa li l-awtoritajiet pubbliċi jinvestu riżorsi fl-ittraċċar ta’ migranti rregolari li fil-fatt diġà ħallew l-UE. F’każ ta’ ċittadin ta' pajjiż terz li t-tluq tiegħu ma ġiex konfermat, u wara notifika mis-SIS li l-perjodu ta’ tluq volontarju skada, l-awtoritajiet pubbliċi jkunu konxji wkoll li jridu jittieħdu azzjonijiet ta’ segwitu sabiex jiġu ntraċċati l-individwi kkonċernati, tiġi żgurata t-tneħħija tagħhom u tinħareġ projbizzjoni ta’ dħul skont l-Artikolu 11(1) tad-Direttiva 2008/115/KE. Din is-sistema ser tipprovdi għodda addizzjonali għall-Istati Membri biex jirrispettaw l-obbligu tagħhom li jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw l-infurzar ta’ deċiżjonijiet ta’ ritorn b’mod effettiv u proporzjonat, skont l-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 2008/115/KE. Monitoraġġ aktar effettiv tal-konformità ma’ deċiżjonijiet ta’ ritorn maħruġa skont id-dispożizzjonijiet li jirrispettaw id-Direttiva 2008/115/KE jkun jgħin fl-iskoperta ta’ numru ta’ każijiet ta’ nonkonformità, li tista’ tkun mistennija twassal għal numru akbar ta’ ritorni u projbizzjonijiet ta’ dħul.

Is-SIS għalhekk ser tgħin biex ikunu pprovduti data u statistika aktar affidabbli dwar in-numru ta’ deċiżjonijiet ta’ ritorn maħruġa skont id-dispożizzjonijiet li jirrispettaw id-Direttiva 2008/115/KE, u dwar ir-rata ta’ konformità.

Id-diffikultajiet fl-identifikazzjoni ta’ migranti irregolari u n-nuqqas ta’ dokumenti tal-ivvjaġġar validi maħruġa mill-pajjiż terz ta’ destinazzjoni lil persuni rimpatrijati huma ostakli prinċipali għal ritorn b’suċċess. Jista’ jkun li meta ċittadini ta’ pajjiżi terzi li jirrisjedu illegalment jiġu arrestati u soġġetti għal proċeduri ta’ ritorn fi Stat Membru jkollhom fuqhom dokumenti ta’ identifikazzjoni jew tal-ivvjaġġar li aktar tard jistgħu jeħilsu minnhom biex ifixklu r-ritorn jew biex jiċċaqilqu illegalment lejn Stat Membru ieħor. F'dawn il-każijiet, l-informazzjoni fuq id-dokument ta’ identifikazzjoni jew tal-ivvjaġġar għad-dispożizzjoni tal-Istat Membru li arresta l-ewwel iċ-ċittadin ta’ pajjiż terz li jirrisjedi illegalment tista’ tiffaċilita l-identifikazzjoni u l-ħruġ ta’ dokument tal-ivvjaġġar validu mill-pajjiż terz ta’ destinazzjoni lil migranti li ħarbu lejn Stat Membru ieħor. Għal dan il-għan, jeħtieġ li jkun permess it-trasferiment ta’ data rilevanti disponibbli fis-SIS lill-awtoritajiet kompetenti ta’ pajjiżi terzi taħt kundizzjonijiet stretti. Dan it-trasferiment għandu jkun limitat għall-informazzjoni li hija strettament meħtieġa biex ikunu żgurati l-identifikazzjoni u r-ridokumentazzjoni tal-migrant, u għandu jkun konformi mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2016/679 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta’ data personali u dwar il-moviment liberu ta’ tali data[12], b’mod partikolari l-Kapitolu V ta’ dan ir-Regolament li jistabbilixxi regoli u kundizzjonijiet dettaljati għat-trasferimenti ta’ data personali lil pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali. Meta dak it-trasferiment isir mill-Istat Membru li ma jkunx introduċa l-informazzjoni fuq id-dokument fit-twissija tas-SIS u mhux is-sid ta’ dik id-data, għandha tkun meħtieġa l-awtorizzazzjoni minn qabel tal-Istat Membru li introduċa l-informazzjoni fis-SIS.

Din il-proposta ser ittejjeb ukoll ir-regoli dwar il-proċess ta’ konsultazzjoni li l-Istati Membri għandhom isegwu meta jiltaqgħu ma’ twissijiet dwar ritorn, jew huma lesti jdaħħlu twissijiet tali, li jaħbtu ma’ deċiżjonijiet ta’ Stati Membri oħra, bħal pereżempju permess ta' residenza validu. Dawk ir-regoli għandhom jipprevjenu l-ħolqien tal-istruzzjonijiet kunfliġġenti li dawn is-sitwazzjonijiet jistgħu joħolqu, jew isibu soluzzjonijiet għalihom, filwaqt li joffru gwida ċara lill-utenti aħħarin dwar l-azzjonijiet li għandhom jittieħdu f’dawk is-sitwazzjonijiet u lill-awtoritajiet tal-Istati Membri dwar jekk twissija għandhiex tiġi mħassra.

[12] Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

Sabiex taħdem korrettament, is-sistema mfassla teħtieġ kontrolli sistematiċi mal-ħruġ fil-fruntieri esterni, sabiex ikun żgurat li ċ-ċittadini ta’ pajjiżi terzi kollha konċernati jkunu rappurtati bħala li ħallew it-territorju. Il-proposta[13] li temenda r-Regolament (UE) 2016/399 (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen)[14] timmira li tallinja l-obbligu li ċittadini ta’ pajjiżi terzi jkunu sistematikament kontrollati kontra bażijiet ta’ data mad-dħul u l-ħruġ.

Meta wieħed iqis in-natura transnazzjonali u l-isfidi biex jiġi żgurat skambju ta’ informazzjoni transkonfinali u effettiv, ir-rakkomandazzjonijiet fil-Qafas ta’ Interoperabbiltà Ewropew huma ta’ interess partikolari għal dawn il-proposti u għandhom ikunu rispettati fit-tfassil jew il-forniment ta’ servizzi pubbliċi diġitali. Il-Qafas ta’ Interoperabbiltà Ewropew attwalment qed jiġi rivedut, u l-verżjoni l-ġdida tinsab fil-proċess li tiġi adottata.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta’ politika**

Din il-proposta hija konformi ma’ u tibni fuq id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2008/115/KE li tistabbilixxi standards u proċeduri komuni għar-ritorn ta’ ċittadini ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu illegalment. Il-proposta tipprova toħloq livell akbar ta’ konformità ma’ u żżid il-viżibbiltà ta’ deċiżjonijiet ta’ ritorn maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti skont id-dispożizzjonijiet li jirrispettaw id-Direttiva 2008/115/KE. Billi tagħmel obbligatorju r-reġistrazzjoni ta' dawn id-deċiżjonijiet fis-SIS, din il-proposta tkun qed tappoġġa l-infurzar ta’ dawn id-deċiżjonijiet.

- **Konsistenza ma’ politiki oħra tal-Unjoni**

Din il-proposta hija marbuta mill-qrib ma’ linji politiċi tal-Unjoni u proposti leġiżlattivi tal-Kummissjoni eżistenti oħra, jiġifieri:

(a) Politika **ta' ritorn tal-UE** effettiva li tikkontribwixxi għal, u ttejjeb, is-sistema tal-UE għar-ritorn ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi li ma jkollhom l-ebda dritt joqogħdu fit-territorju tal-Istati Membri. Din il-proposta tkun tikkontribwixxi biex jitnaqqsu l-inċentivi għal migrazzjoni irregolari lejn l-UE, wieħed mill-objettivi ewlenin tal-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni[15];

(b) **Is-sistema Eurodac u ta’ Dublin** billi l-introduzzjoni ta’ deċiżjonijiet ta’ ritorn fis-SIS se tkun qed tappoġġa lill-Istati Membri biex isegwu jekk persuni rifjutati li jkunu qed ifittxu l-ażil ikunux ħallew it-territorju tal-Istati Membri u ġew ritornati lejn pajjiż terz f’konformità ma’ deċiżjoni ta’ ritorn. Hi ser tikkumplimenta wkoll il-proposta tal-Kummissjoni[16] li testendi l-użu ta’ Eurodac biex ikunu identifikati ċittadini ta’ pajjiżi terzi li jirrisjedu illegalment li ma jitolbux ażil u li jista’ jkun li jiċċaqilqu liberament fl-UE mingħajr ma jiġu skoperti;

(c) **Sistema ta' Dħul/Ħruġ** peress li hi ser tikkumplimenta l-proposta tal-Kummissjoni[17] dwar is-sistema ta' Dħul/Ħruġ u l-użu tagħha biex jiġu identifikati u misjuba l-persuni b'permanenza b'awtorizzazzjoni skaduta (anki fit-territorju tal-Istati Membri);

---

13 COM (2015) 670 final.

14 Ir-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta’ persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera (il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) ĠU L 77, 23.3.2016, p. 1.

15 COM (2015) 240 final.

16 COM (2016) 272 final.

17 COM (2016) 194 final.

(d) **ETIAS**[18] li ppproponiet valutazzjoni profonda tas-sigurtà, inkluż kontroll fis-SIS, ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi eżentati minn viża li bi ħsiebhom jivvjaġġaw fl-UE;

(e) **l-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen** peress li ser tikkumplimenta l-emenda tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen b'konnessjoni mal-obbligu li mal-ħruġ iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jkunu sistematikament ikkontrollati mal-bażi ta' data;

(f) Il-proposta tal-Kummissjoni dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-**kontrolli fil-fruntiera** u li tħassar ir-Regolament (KE) Nru 1987/2006 peress li ser tikkumplimenta d-dispożizzjonijiet relatati mad-dħul ta' projbizzjonijiet ta' dħul fis-SIS wara r-ritorn taċ-ċittadin ta' pajjiż terz konċernat.

## 2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

L-Artikolu 79(2)(c) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jagħti s-setgħa lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, li jadottaw miżuri fil-qasam tal-immigrazzjoni illegali u r-residenza mhux awtorizzata, inkluż it-tneħħija u r-ripatrijazzjoni ta' persuni li jirrisjedu mingħajr awtorizzazzjoni. Għaldaqstant, dan l-Artikolu huwa l-bażi legali adatta biex is-SIS tintuża għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu illegalment.

- **Ġeometrija varjabbli**

Fir-rigward tal-ġeometrija varjabbli, din il-proposta ssegwi reġim kumparabbli għad-Direttiva 2008/115/KE.

Skont l-Artikolu 4 tal-Protokoll 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka annessa mat-Trattati, id-Danimarka tiddeċiedi f'perjodu ta' sitt xhur wara li l-Kunsill ikun iddeċieda dwar dan ir-Regolament, jekk tkunx se timplimenta din il-proposta, li tibni fuq l-*acquis* ta' Schengen, fil-liġi nazzjonali tagħha.

Fir-rigward tar-Renju Unit u l-Irlanda, id-Direttiva dwar ir-Ritorn tippreżenta karattru ibridu, kif rifless fil-premessi (26) u (27) tagħha. Minn dan isegwi li kemm il-Protokoll 19 dwar l-*acquis* ta' Schengen integrat fil-qafas tal-Unjoni Ewropea anness mat-Trattati, kif ukoll il-Protokoll 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja annessi mat-Trattati, japplikaw għal din il-proposta. Skont dan l-aħħar protokoll li mhuwiex ta' Schengen, Ir-Renju Unit u l-Irlanda mhumiex se jieħdu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhumiex marbutin bih jew suġġetti għall-applikazzjoni tiegħu; huma jistgħu madankollu jinnotifikaw lill-Kunsill li jixtiequ jieħdu sehem f'dan l-istrument.

Fuq il-bażi ta' ftehimiet rispettivi li jassoċjaw dawn il-pajjiżi mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen, l-Iżlanda, in-Norveġja, l-Iżvizzera u l-Liechtenstein għandhom jiġu marbuta bir-Regolament propost.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

L-għan tal-proposta hu li tkun stabbilita sistema għall-kondiviżjoni ta' informazzjoni dwar deċiżjonijiet ta' ritorn maħruġa skont id-dispożizzjonijiet li jirrispettaw id-Direttiva

[18] COM (2016) 731 final.

2008/115/KE mill-Istati Membri bil-ħsieb li jkun iffaċilitat l-infurzar tagħhom u biex tkun monitorjata l-konformità ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu illegalment mal-obbligu tagħhom ta' ritorn. Dan l-objettiv ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri li jaġixxu waħedhom. Attwalment ma teżisti l-ebda sistema li tippermetti l-kondiviżjoni sistematika ta' informazzjoni dwar deċiżjonijiet ta' ritorn maħruġa mill-Istati Membri skont id-dispożizzjonijiet li jirrispettaw id-Direttiva 2008/115/KE; għaldaqstant, l-awtoritajiet nazzjonali ma jistgħux ikunu konxji minn deċiżjonijiet ta' ritorn maħruġa minn Stati Membri oħra fir-rigward ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, inkluż fejn migranti irregolari jinqabdu waqt li jiċċaqilqu illegalment ġewwa l-UE u jittranżitaw fit-territorji tagħhom. L-objettiv ta' din il-proposta jista', għalhekk, jintlaħaq aħjar mill-Unjoni Ewropea.

- **Proporzjonalità**

L-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jiddikjara li azzjoni mill-Unjoni ma għandhiex tmur lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu l-objettivi tat-Trattat. Il-forma magħżula għal din l-azzjoni tal-UE għandha tippermetti li l-proposta tilħaq l-għan tagħha u li tkun implimentata bl-iktar mod effettiv possibbli.

Ir-Regolament propost għandu l-għan li jiffaċilita l-infurzar u l-monitoraġġ ta' deċiżjonijiet ta' ritorn maħruġa skont id-dispożizzjonijiet li jirrispettaw id-Direttiva 2008/115/KE fir-rigward ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu illegalment, bil-ħsieb li tkun żgurata politika ta' ritorn aktar effettiva u b'suċċess akbar. Huwa għalhekk jipprovdi lill-Istati Membri b'għodda addizzjonali biex jirrispettaw l-obbligu tagħhom li jieħdu l-miżuri neċessarji kollha biex jiżguraw l-infurzar ta' deċiżjonijiet ta' ritorn b'mod effettiv u proporzjonat skont l-Artikolu 8(1) tad-Direttiva dwar ir-Ritorn.

Biex jinkisbu dawn l-objettivi, u skont il-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju biex jinkisbu dawk l-objettivi.

- **Għażla tal-istrument**

Sabiex ikunu stabbiliti proċeduri uniformi u armonizzati li jkunu direttament applikabbli, huwa xieraq li dan l-att jiġi adottat fil-forma ta' Regolament. Barra minn hekk, din il-proposta għandha x'taqsam mal-użu ta' sistema tal-informazzjoni Ewropea ċentralizzata. Għaldaqstant, ir-regoli dwar l-użu tagħha jeħtieġ ikunu stabbiliti f'Regolament.

## 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT.

- **Evalwazzjonijiet ex post/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Skont ir-Regolament SIS II[19] u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI[20], tliet snin wara li bdiet taħdem, il-Kummissjoni wettqet evalwazzjoni ġenerali tas-sistema SIS II ċentrali kif ukoll tal-iskambju bilaterali u multilaterali ta' informazzjoni supplimentari bejn l-Istati Membri. L-evalwazzjoni kienet speċifikament immirata lejn ir-reviżjoni tal-applikazzjoni tal-Artikolu 24 tar-Regolament SIS II, li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-ħruġ ta' twissijiet bl-

---

19 Ir-Regolament (KE) Nru 1987/2006 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II) (ĠU L 381, 28.12.2006, p. 4).

20 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI tat-12 ta' Ġunju 2007 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-sistema ta' informazzjoni ta' Schengen tat-Tieni Ġenerazzjoni (SIS II) (ĠU L 205, 7.8.2007, p. 63)

għan li jiġu miċħuda dħul u ħruġ fir-rigward ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi. Il-proposti li jirriżultaw mill-evalwazzjoni huma inklużi fil-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-kontrolli fil-fruntiera u l-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali.

Barra minn hekk, skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva dwar ir-Ritorn 2008/115/KE, fl-2014 il-Kummissjoni ppubblikat Komunikazzjoni dwar il-Politika tar-Ritorn[21], li tirrapporta dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2008/115/KE. Din ikkonkludiet li l-potenzjal tas-SIS fil-qasam tal-politika tar-ritorn għandu jkompli jittejjeb aktar; hi tindika li r-reviżjoni tas-SIS II hija opportunità biex tittejjeb il-konsistenza bejn il-politika tar-ritorn u s-SIS II, kif ukoll biex tkun issuġġerita l-introduzzjoni ta' obbligu fuq l-Istati Membri li jdaħħlu twissija ta' ċaħda tad-dħul fis-SIS II għal projbizzjonijiet ta' dħul maħruġa taħt id-Direttiva dwar ir-Ritorn.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Feedback u suġġerimenti dwar l-użu potenzjali tas-SIS għar-ritorn kienu mitluba mill-partijiet konċernati rilevanti, inklużi delegati għall-Kumitat SISVIS u l-Grupp ta' Kuntatt għad-Direttiva dwar ir-Ritorn. Seħħew diskussjonijiet f'diversi laqgħat tal-Kumitat SISVIS (fl-10 ta' Mejju 2016 u fit-30 ta' Ġunju 2016) u l-Grupp ta' Kuntatt għad-Direttiva dwar ir-Ritorn (fis-16 ta' Novembru 2015, fit-18 ta' Marzu u fl-20 ta' Ġunju 2016). Fil-5 ta' Frar 2016 sar workshop konġunt mad-delegati għall-Kumitat SISVIS u l-Grupp ta' Kuntatt għad-Direttiva dwar ir-Ritorn. Għall-workshop attendew ukoll rappreżentanti mill-Aġenziji tal-UE bħall-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali.

- **Ġbir u użu tal-kompetenzi**

F'Ottubru 2015, il-Kummissjoni nediet studju estern[22] bl-għan li tivvaluta l-fattibbiltà u l-implikazzjonijiet tekniċi u operattivi li fi ħdan il-kuntest tas-SIS tiġi stabbilita sistema mifruxa mal-UE kollha għall-iskambju ta' data dwar il-konformità ma' deċiżjonijiet ta' ritorn maħruġa skont id-dispożizzjonijiet li jirrispettaw id-Direttiva 2008/115/KE u l-monitoraġġ tagħha. L-istudju kien iffinalizzat f'April 2016.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Ma saret l-ebda valutazzjoni tal-impatt. Madankollu, il-proposta hija bbażata fuq ir-riżultati tal-istudju dwar il-fattibbiltà msemmi hawn fuq.

L-istudju kkonkluda li d-dħul ta' deċiżjonijiet ta' ritorn maħruġa skont id-dispożizzjonijiet li jirrispettaw id-Direttiva 2008/115/KE bħala twissijiet fis-SIS ikun teknikament fattibbli u jirriżulta f'benefiċċji tanġibbli, speċjalment fir-rigward tal-viżibbiltà tal-informazzjoni mal-Istati Membri kollha u l-issimplifikar ta' azzjonijiet ta' segwitu.

Dan ikun jappoġġa lill-awtoritajiet biex:

---

[21] COM (2014) 199 final.

[22] Studju dwar il-fattibbiltà u l-implikazzjonijiet li fi ħdan il-qafas tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tiġi stabbilita sistema mifruxa mal-UE kollha għall-iskambju ta' data dwar il-konformità ma' deċiżjonijiet ta' ritorn u għall-monitoraġġ tagħha (https://bookshop.europa.eu/mt/study-on-the-feasibility-and-implications-of-setting-up-within-the-framework-of-the-schengen-information-system-an-eu-wide-system-for-exchanging-data-on-and-monitoring-compliance-with-return-decisions-pbDR0116353/)

– jinfurzaw id-deċiżjoni f'każ ta' nonkonformità;

– jimmonitorjaw għal kull deċiżjoni jekk l-obbligu ta' ritorn ġiex rispettat jew le;

– jivverifikaw jekk ċittadin ta' pajjiż terz li jinstab illegalment fit-territorju hux soġġett għal deċiżjoni maħruġa fi Stat Membru ieħor;

– jinfurzaw deċiżjonijiet f'isem Stati Membri oħra;

– jidentifikaw ċittadini ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu illegalment abbażi ta' informazzjoni dwar deċiżjonijiet infurzabbli;

– jiġbru statistika dwar deċiżjonijiet rispettati jew mhux rispettati.

Minn naħa l-oħra, l-istudju kkonkluda li numru ta' tibdil tekniku u operattiv neċessarju jkun iħalli impatt fuq il-prattiki, l-organizzazzjoni u l-infrastrutturi attwali. L-implikazzjonijiet li deċiżjonijiet ta' ritorn maħruġa skont id-dispożizzjonijiet li jirrispettaw id-Direttiva 2008/115/KE jiġu mdaħħla fis-SIS jinkludu proċeduri operattivi ġodda/emendati, kategoriji ta' data addizzjonali fi twissijiet dwar ritorn u funzjonijiet tas-SIS ġodda (bħall-funzjoni li l-awtorità emittenti tkun notifikata meta l-perjodu għal tluq volontarju jkun skada). It-tibdil ikun jirrikjedi l-istabbiliment ta' infrastruttura adegwata fl-Istati Membri biex jiddaħħlu u jiġu ġestiti twissijiet dwar ritorn fis-SIS u kapaċitajiet ta' ħżin addizzjonali fis-SIS Ċentrali.

Analiżi tal-workload żvelat li l-atturi konċernati kollha (speċjalment gwardji tal-fruntiera u uffiċjali tal-pulizija u l-awtoritajiet li jkunu qed joħorġu deċiżjonijiet ta' ritorn skont id-dispożizzjonijiet li jirrispettaw id-Direttiva 2008/115/KE) ikollhom jaffaċċjaw tagħbija ta' ħidma addizzjonali li tirriżulta mill-obbligu li jiġu ġestiti t-twissijiet ta' ritorn u li jiġi segwit numru akbar ta' hits. Finalment, l-istudju ġibed l-attenzjoni għall-ħtieġa għal livell minimu ta' armonizzazzjoni fl-Istati Membri kollha meta jkollhom x'jaqsmu ma' persuni li huma diġà soġġetti għal deċiżjoni ta' ritorn maħruġa skont id-dispożizzjonijiet li jirrispettaw id-Direttiva 2008/115/KE minn Stat Membru ieħor.

- **Drittijiet fundamentali**

Din il-proposta tiżviluppa u ttejjeb sistema eżistenti. Hi twessa' l-ambitu ta' applikazzjoni tas-SIS attwali billi tintroduċi kategorija ta' twissija ġdida għal deċiżjonijiet ta' ritorn. L-impatt tagħha fuq id-drittijiet fundamentali huwa, bħala riżultat, limitat peress li diġà kien hemm evidenza tal-funzjonament solidu tas-sistema u salvagwardji importanti u effettivi diġà ġew stabbiliti. Minkejja dan, peress li l-proposta tinvolvi l-ipproċessar ta' data personali, hemm impatt potenzjali fuq id-drittijiet fundamentali ta' individwu. Dan ġie kkunsidrat, u ġew stabbiliti salvagwardji biex ikunu rispettati l-prinċipji stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 8.

Din il-proposta hija supplimentari għall-proposta għall-ġestjoni tal-fruntieri li, flimkien mal-proposta għal kooperazzjoni tal-pulizija u kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali, tifforma l-bażi legali għall-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-SIS. Għaldaqstant, is-salvagwardji li jinsabu fil-proposta għall-ġestjoni tal-fruntieri relatati mal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, u b'mod partikolari l-protezzjoni tad-data u d-drittijiet tas-suġġett tad-data, japplikaw ugwalment għal din il-proposta.

Barra minn hekk, ġew stabbiliti dispożizzjonijiet biex ikun żgurat li twissijiet ta' ritorn ma jwasslux biex jittieħdu miżuri għall-infurzar ta' deċiżjonijiet ta' ritorn maħruġa skont id-dispożizzjonijiet li jirrispettaw id-Direttiva 2008/115/KE meta l-perjodu għal tluq volontarju jkun għadu ma skadiex jew meta d-deċiżjoni tkun ġiet sospiża jew it-tneħħija tkun ġiet posposta (Artikolu 3(2) u (3)).

L-elementi tad-deċiżjoni ta' ritorn maħruġa skont id-dispożizzjonijiet li jirrispettaw id-Direttiva 2008/115/KE li għandhom jiddaħħlu fis-SIS huma limitati għal dawk li huma strettament neċessarji biex l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jidentifikaw liċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat, iwettqu r-ritorn jekk neċessarju, u jivverifikaw li l-obbligu ta' ritorn ġie rispettat (Artikolu 4).

Id-data tinżamm fis-SIS biss sakemm dan ikun meħtieġ biex jinkiseb l-għan ta' ritorn. B'konsegwenza, ser ikun rikjest li l-Istat Membru emittenti jħassar id-data minnufih wara li jirċievi l-konferma ta' ritorn (Artikolu 6), jekk id-deċiżjoni ma' tkunx aktar valida, jekk il-persuna kisbet ċittadinanza tal-UE jew iċ-ċittadinanza ta' Stat li ċ-ċittadini tiegħu huma benefiċjarji tad-dritt ta' moviment liberu ġewwa l-Unjoni jew jekk il-persuna li hija s-suġġett tat-twissija tista' turi li hu jew hi telaq jew telqet mit-territorju tal-Istati Membri f'konformità mad-deċiżjoni ta' ritorn maħruġa skont id-dispożizzjonijiet li jirrispettaw id-Direttiva 2008/115/KE (Artikolu 7).

Id-dispożizzjonijiet il-ġodda dwar is-SIS ser irendu aktar viżibbli s-sitwazzjonijiet fejn ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għal deċiżjoni ta' ritorn maħruġa skont id-dispożizzjonijiet li jirrispettaw id-Direttiva 2008/115/KE minn Stat Membru jkollhom fl-istess ħin awtorizzazzjoni jew dritt ta' soġġorn mogħtija minn Stat Membru ieħor. F'dawk il-każijiet għandu jkun obbligatorju li l-awtoritajiet nazzjonali jwettqu proċedura ta' konsultazzjoni. Fejn ikun meħtieġ it-twissija dwar ritorn titħassar ukoll (Artikolu 8).

## 4. IMPLIKAZZJONI GĦALL-BAĠIT

Il-proposta preżenti twessa' l-ambitu ta' applikazzjoni tas-SIS attwali billi tintroduċi kategorija ta' twissija ġdida għal deċiżjonijiet ta' ritorn maħruġa skont id-dispożizzjonijiet li jirrispettaw id-Direttiva 2008/115/KE u tiffunzjona biex toħloq, taġġorna u tħassar twissijiet dwar ritorn. Barra minn hekk, tintroduċi funzjonalità ġdida biex l-Istati Membri emittenti jiġu awtomatikament notifikati li l-perjodu għal tluq volontarju fuq it-twissijiet tagħhom skada.

Minħabba n-natura kumplimentarja ta' din il-proposta l-implikazzjonijiet baġitarji huma indirizzati separatament u f'dikjarazzjoni finanzjarja indipendenti li tindirizza biss l-istabbiliment ta' din il-kategorija ta' twissija speċifika.

Id-dikjarazzjoni finanzjarja mehmuża ma' din il-proposta tirrifletti t-tibdil meħtieġ għall-istabbiliment ta' din il-kategorija ta' twissija ġdida. L-estimi tal-ispejjeż ta' EUR 3,6 miljun jinkludu l-ispejjeż għall-aġġornament tekniku tas-SIS għall-fini ta' ritorn. L-estimi tal-ispejjeż fir-rigward tal-iżvilupp globali tas-SIS Ċentrali, l-infrastruttura ta' komunikazzjoni u t-titjib fis-sistemi tas-SIS nazzjonali mhumiex inklużi fid-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva mehmuża ma' din il-proposta iżda huma mniżżla fid-dettall fid-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva mehmuża mal-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-kontrolli fil-fruntiera u l-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali.

Huwa ppjanat riprogrammar tal-bqija tal-pakkett tal-Fruntieri Intelliġenti tal-Fond għas-Sigurtà Interna sabiex jitwettaq it-titjib u jiġu implimentati l-funzjonalitajiet previsti f'din il-

proposta. Ir-Regolament tal-fruntieri FSI[23] huwa l-istrument finanzjarju fejn ġie inkluż il-baġit għall-implimentazzjoni tal-pakkett tal-fruntieri intelliġenti. L-Artikolu 5 tar-Regolament jipprevedi li EUR 791 miljun għandhom ikunu implimentati permezz ta' programm għall-istabbiliment ta' sistemi tal-IT li jappoġġaw il-ġestjoni ta' flussi migratorji bejn il-fruntiera esterna taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 15. Mill-EUR 791 miljun imsemmija hawn fuq, EUR 480 miljun huma riżervati għall-iżvilupp tas-Sistema ta Dħul-Ħruġ u EUR 210 miljun għall-iżvilupp tas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS). Il-bqija jintużaw parzjalment biex ikunu koperti l-ispejjeż tat-tibdil previst fil-proposta attwali.

## 5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar**

Id-dispożizzjonijiet ta' reviżjoni u monitoraġġ inklużi fl-Artikoli 53(7) u (8) tal-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-kontrolli fil-fruntiera huma applikabbli.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Il-proposta timmira li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet u l-proċeduri għall-użu tas-SIS għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment li fir-rigward tagħhom inħarġet deċiżjoni ta' ritorn skont id-dispożizzjonijiet li jirrispettaw id-Direttiva 2008/115/KE mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Il-proposta tirrikjedi d-dħul u l-ipproċessar ta' data fis-SIS, fil-forma ta' twissijiet, dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi, soġġetti għal deċiżjoni ta' ritorn, u l-iskambju ta' informazzjoni supplimentari dwar dawk it-twissijiet. L-użu tas-SIS għar-ritorn huwa mmirat li jappoġġa lill-awtoritajiet tal-immigrazzjoni biex isegwu u jinfurzaw ir-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jkollhom l-ebda dritt li joqogħdu fl-Istati Membri, li jgħin biex jipprevjeni u jiskoraġġixxi l-migrazzjoni irregolari u li jtejjeb il-kondiviżjoni tal-informazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-immigrazzjoni.

<u>Kamp ta' applikazzjoni (Artikolu 1)</u>

Biex ikun żgurat il-funzjonament effettiv tas-sistema, huwa kruċjali li d-deċiżjonijiet ta' ritorn kollha maħruġa mill-Istati Membri skont id-dispożizzjonijiet li jirrispettaw id-Direttiva 2008/115/KE jkunu introdotti fis-SIS. Dan ifisser li l-Istati Membri għandhom idaħħlu twissijiet dwar (a) deċiżjonijiet ta' ritorn maħruġa b'applikazzjoni tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2008/115 u (b) deċiżjonijiet li jistabbilixxu obbligu ta' ritorn maħruġa lil migranti irregolari soġġetti għal ċaħda ta' dħul f'punt ta' qsim tal-fruntiera jew dawk arrestati b'konnessjoni mal-qsim irregolari tal-fruntiera esterna u li ma rċevewx awtorizzazzjoni ta' soġġorn (Artikolu 2(2)(a) tad-Direttiva 2008/115/KE), kif ukoll (c) deċiżjonijiet li jistabbilixxu obbligu ta' ritorn maħruġ bħala sanzjoni kriminali (Artikolu 2(2)(b) tad-Direttiva 2008/115/KE).

<u>Id-dħul ta' twissijiet dwar ir-ritorn (Artikolu 3)</u>

[23] Ir-Regolament (UE) Nru 515/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna, l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-fruntieri esterni u l-viża (ĠU L 150, 20.5.2014, p. 143).

L-Artikolu 3 jistabbilixxi l-għan u r-regoli għad-dħul ta' twissijiet dwar ritorn fis-SIS sabiex l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jivverifikaw li l-obbligu ta' ritorn ġie rispettat u biex ikun appoġġat l-infurzar ta' deċiżjonijiet ta' ritorn maħruġa skont id-dispożizzjonijiet li jirrispettaw id-Direttiva 2008/115/KE. It-twissija għandha tiddaħħal mingħajr dewmien hekk kif tinħareġ id-deċiżjoni liċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat li jirrisjedi fil-pajjiż illegalment, sabiex tkun possibbli l-verifika msemmija hawn fuq. Jenħtieġ li t-twissija tindika jekk perjodu għal tluq volontarju jkunx għadu għaddej jew jekk deċiżjoni ġietx sospiża jew jekk tkeċċija ġietx posposta.

Fejn ma jkun hemm l-ebda raġuni biex wieħed jemmen li ritorn volontarju jdgħajjef l-għan ta' proċeduri ta' ritorn, dan jenħtieġ li jkun ippreferut minn ritorn imġiegħel u jenħtieġ li jingħata perjodu għal tluq volontarju lill-persuna rimpatrijata, skont l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2008/115/KE. It-tul tal-perjodu għal tluq volontarju, u kwalunkwe tul fid-dewmien tiegħu, għandhom jiġu indikati fit-twissija sabiex l-awtoritajiet pubbliċi jkunu jistgħu jiddeċiedu jekk hux il-każ li tittieħed azzjoni fil-każ individwali.

Kategoriji ta' data (Artikolu 4)

L-Artikolu 4 jistabbilixxi l-elementi ta' data li jista' jkun hemm fi twissija ta' ritorn li huma simili għal dawk inklużi fl-Artikolu 20 tal-proposta għall-ġestjoni tal-fruntiera.

Id-data fir-rigward tal-perjodu għal tluq volontarju, jekk id-deċiżjoni ta' ritorn maħruġa skont id-dispożizzjonijiet li jirrispettaw id-Direttiva 2008/115/KE ġietx sospiża jew jekk l-infurzar tad-deċiżjoni ġiex pospost huma speċifiċi għal twissijiet dwar ritorn.

Skambju effettiv u f'waqtu ta' informazzjoni supplimentari (Artikolu 5)

Il-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni supplimentari effettivi u f'waqthom bejn l-Istati Membri jirrikjedu l-istabbiliment ta' punt ta' kuntatt uniku. L-Artikolu 6 jipprevedi li kull Stat Membru għandu jaħtar awtorità responsabbli mill-iskambju ta' informazzjoni supplimentari dwar twissijiet imdaħħla dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-kuntest ta' ritorn u soġġorn illegali. Id-dispożizzjonijiet tal-Manwal SIRENE msemmija fl-Artikolu 8 tal-proposta għal Regolament dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-SIS fil-qasam tal-kontrolli fil-fruntiera huma applikabbli għall-awtorità maħtura.

Sabiex ikunu rispettati r-rekwiżiti mniżżla fl-Artikolu 8 tal-proposta msemmija hawn fuq dwar id-disponibbiltà kontinwa u ż-żmien għal tweġiba għal talbiet (fi żmien 12-il siegħa massimu), jeħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti biex jieħdu d-deċiżjonijiet relatati mas-soġġorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fit-territorju tagħhom ikunu involuti mill-qrib fl-iskambju ta' informazzjoni supplimentari.

Konferma ta' ritorn (Artikolu 6)

L-Artikolu 6 jintroduċi l-obbligu fuq l-Istati Membri li jikkonfermaw it-tluq taċ-ċittadin ta' pajjiż terz soġġett għal twissija dwar ritorn lill-Istat Membru (jew awtorità) li daħħlet it-twissija; dan japplika wkoll meta l-istess Stat Membru jkun responsabbli mill-ħruġ u l-infurzar tat-twissija. Din id-dispożizzjoni tippermetti lill-awtoritajiet li jkunu qed joħorġu u jinfurzaw deċiżjonijiet ta' ritorn maħruġa skont id-dispożizzjonijiet li jirrispettaw id-Direttiva 2008/115/KE jivverifikaw li l-obbligu ta' ritorn ġie rispettat.

Din id-dispożizzjoni tirrikjedi kontrolli sistematiċi mal-ħruġ sabiex ikun żgurat li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi konċernati kollha jiġu rappurtati bħala li telqu mit-territorju. Il-proposta li temenda r-Regolament Nru 562/2006 (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) timmira li tallinja l-obbligu li ċittadini ta' pajjiżi terzi jkunu sistematikament kontrollati ma' bażijiet ta' data dwar id-dħul anki biex joħorġu.

Nonkonformità ma' obbligu ta' ritorn (Artikolu 7)

L-Artikolu 7 jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet f'każijiet ta' nonkonformità mal-obbligu ta' ritorn. In-notifika msemmija fil-paragrafu 1 ser tappoġġa lill-Istati Membri biex jirrispettaw l-obbligi tagħhom skont l-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 2008/115/KE fir-rigward ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma rrispettawx l-obbligu ta' ritorn.

Il-paragrafu 2 jistabbilixxi l-proċeduri biex jiġu indirizzati sitwazzjonijiet fejn ċittadin ta' pajjiż terz soġġett għal twissija dwar ritorn ikun identifikat u arrestat fi Stat Membru ieħor. Il-proċeduri ta' segwitu għandhom jitwettqu skont l-*acquis* tal-UE dwar ir-ritorn u ma' dispożizzjonijiet oħra ta' leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-UE applikabbli għall-każ individwali, li jinkludu:

1) il-ħruġ ta' deċiżjoni ta' ritorn skont id-dispożizzjonijiet li jirrispettaw id-Direttiva 2008/115/KE;

2) li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jiġi mibgħut lura lejn l-Istat Membru emittenti skont ftehim bilaterali eżistenti skont l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva 2008/115/KE, jew

3) ir-rikonoxximent tad-deċiżjoni ta' ritorn tal-Istat Membru emittenti b'applikazzjoni tad-Direttiva 2001/40/KE.

Proċedura ta' konsultazzjoni (Artikolu 8)

L-Artikolu 8 ta' din il-proposta jistabbilixxi l-proċeduri meħtieġa għall-prevenzjoni u s-soluzzjoni ta' diverġenzi jew deċiżjonijiet kunfliġġenti bejn l-Istati Membri. Il-konsultazzjoni reċiproka tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tista' tgħin fil-prevenzjoni u s-soluzzjoni ta' tali sitwazzjonijiet kunfliġġenti, filwaqt li jitqies l-interess tal-partijiet konċernati. Biex tkun effettiva, jenħtieġ li konsultazzjoni bħal din titwettaq malajr.

Żamma u tħassir ta' twissijiet (Artikoli 6, 8 u 9)

Il-paragrafu 2 tal-Artikolu 6 jistabbilixxi li twissijiet dwar ir-ritorn jeħtieġ jitħassru wara r-ritorn taċ-ċittadin ta' pajjiż terz konċernat. Dan il-paragrafu jikkumplementa d-dispożizzjonijiet dwar il-mument li fih twissijiet relatati ma' projbizzjonijiet ta' dħul jenħtieġ li jieħdu effett fis-SIS kif stabbilit fl-Artikolu 24(3) tal-proposta għal Regolament dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-SIS fil-qasam tal-kontrolli fil-fruntiera. Jenħtieġ li l-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa kollha biex jiżguraw li ma jkun hemm l-ebda lakuna ta' żmien bejn il-mument tat-tluq u l-attivazzjoni tat-twissija fuq il-projbizzjoni ta' dħul fis-SIS.

L-Artikolu 9 jinkludi regoli ulterjuri dwar it-tħassir ta' twissijiet. Barra s-sitwazzjonijiet koperti taħt l-Artikolu 6 u l-Artikolu 8, fejn it-tħassir ta' twissijiet iseħħ wara r-ritorn taċ-ċittadin ta' pajjiż terz konċernat jew wara proċedura ta' konsultazzjoni, twissija dwar ritorn jenħtieġ li titħassar ukoll fejn id-deċiżjoni ta' ritorn maħruġa skont id-dispożizzjonijiet li jirrispettaw id-Direttiva 2008/115/KE ġiet irtirata jew annullata. It-tieni parti tal-paragrafu 1 tkopri s-sitwazzjoni fejn ikun meħtieġ li t-twissija titħassar minħabba l-fatt li t-tluq tal-persuna ma kinitx reġistrata kif suppost.

Fil-kuntest tat-titjib ulterjuri tas-SIS ser tiġi esplorata l-opportunità li fis-SIS tinżamm traċċa ta' deċiżjonijiet ta' ritorn wara li r-ritorn ikun ġie infurzat. Din l-informazzjoni tista' tkun utli jekk ċittadin ta' pajjiż terz ikun reġa' daħal fit-territorju tal-Istati Membri u jinstab bħala li qiegħed joqgħod illegalment fi Stat Membru differenti minn dak li jkun ħareġ l-ewwel deċiżjoni ta' ritorn.

Fejn ir-ritorn ma ġiex ikkonfermat jew fejn it-twissija dwar ritorn ma tħassritx minħabba raġunijiet oħra, il-perjodu ta' żamma massimu għandu jkun ta' ħames snin f'konformità mal-perjodu ta' żamma għal ċaħda ta' twissijiet ta' dħul (Artikolu 34 tal-proposta għal

Regolament dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-SIS fil-qasam tal-kontrolli fil-fruntiera).

Trasferiment ta' data lil pajjiżi terzi (Artikolu 10)

L-Artikolu 10 fih regoli speċifiċi dwar it-trasferiment ta' data lejn pajjiżi terzi taħt kundizzjonijiet stretti.

Drittijiet ta' aċċess (Artikolu 12)

Fl-Istati Membri, l-awtoritajiet responsabbli mill-ħruġ ta' deċiżjonijiet ta' ritorn skont id-dispożizzjonijiet li jirrispettaw id-Direttiva 2008/115/KE jistgħu jvarjaw b'mod sinifikattiv. Skont ir-raġuni għal soġġorn illegali (pereżempju ċaħda ta' ażil, soġġorn itwal mill-perjodu tal-viża, skadenza ta' permess ta' residenza), diversi awtoritajiet jistgħu jkunu responsabbli biex joħorġu tali deċiżjonijiet, inklużi awtoritajiet ġudizzjarji meta r-ritorn ikun ordnat bħala r-riżultat ta' appell kontra ċaħda ta' awtorizzazzjoni jew dritt ta' soġġorn, jew bħala sanzjoni kriminali. Għalhekk jenħtieġ li dawn l-awtoritajiet ikunu jistgħu jaċċessaw is-SIS biex idaħħlu, jaġġornaw, iħassru u jfittxu d-data. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-awtoritajiet responsabbli mill-identifikazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi waqt kontrolli fil-fruntiera, kontrolli tal-pulizija u kontrolli tal-infurzar tal-liġi oħra jkollhom id-dritt li jaċċessaw id-data fis-SIS.

Għaldaqstant, l-Artikolu 12 jipprevedi li jingħata aċċess xieraq għal twissijiet dwar ritorn lil:

– l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli mill-identifikazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fit-territorji tal-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 29(1) (a), (b), (c) u (d) tar-Regolament (UE) 2018/xxx [kontrolli fil-fruntiera]. L-awtoritajiet responsabbli mill-kontrolli fil-fruntiera jeħtieġ ikollhom aċċess għad-data bl-għan li jiġu identifikati ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma s-suġġett ta' deċiżjoni ta' ritorn u li joħorġu mit-territorju tal-Istati Membri. Il-pulizija u awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi oħra huma responsabbli skont il-liġi nazzjonali mill-identifikazzjoni u r-ritorn ta' persuni li jirrisjedu fit-territorju nazzjonali. L-awtoritajiet tal-immigrazzjoni huma responsabbli biex jieħdu d-deċiżjonijiet (inklużi deċiżjonijiet dwar ir-ritorn) dwar id-dħul u s-soġġorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi;
– jenħtieġ li l-awtoritajiet ġudizzjarji nazzjonali (l-Artikolu 29(2) tar-Regolament (UE) 2018/xxx [kontrolli fil-fruntiera]) jkollhom aċċess għad-data fis-SIS jekk ikunu kompetenti skont il-liġi nazzjonali biex jieħdu deċiżjonijiet dwar id-dħul u s-soġġorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi;
– l-utenti istituzzjonali kif imsemmi fl-Artikoli 30 sa 31 tar-Regolament (UE) 2018/xxx [kontrolli fil-fruntiera] (Europol u l-Aġenzija Ewropea tal-Gwardji tal-Fruntiera u tal-Kosta) fil-kuntest tal-kompetenzi tagħhom fiċ-Ċentru Ewropew kontra l-Iffaċilitar ta' Dħul Klandestin ta' Migranti (Europol) u f'kompiti relatati ma' ritorn (Aġenzija Ewropea tal-Gwardji tal-Fruntiera u tal-Kosta).

Applikabbiltà tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament SIS dwar il-ġestjoni tal-fruntieri (Artikolu 13)

Finalment, l-Artikolu 13 jipprevedi li d-dispożizzjonijiet ġenerali tas-SIS kif inklużi fil-proposta għal Regolament dwar l-istabbiliment, l-użu u t-tħaddim tas-SIS fil-qasam tal-kontrolli fil-fruntiera japplikaw anki għall-ipproċessar ta' data mdaħħla għall-fini ta' din il-proposta, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet dwar ir-responsabbiltajiet tal-Istati Membri u l-Aġenzija, id-dħul u l-ipproċessar ta' twissijiet, il-kundizzjonijiet għal aċċess għal twissijiet u ż-żamma tagħhom, proċessar ta' data, protezzjoni ta' data, responsabbiltà u monitoraġġ u statistika.

2016/0407 (COD)

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## dwar l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen għar-ritorn ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi li jirrisjedu illegalment

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 79(2)(c) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Ir-ritorn ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi li ma jissodisfawx jew li ma għadhomx jissodisfaw il-kundizzjonijiet għad-dħul, is-soġġorn jew ir-residenza fl-Istati Membri, b’rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali u b’mod partikolari l-prinċipju ta' non-refoulement, u skont id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, huwa parti essenzjali mill-isforzi komprensivi biex tkun indirizzata l-migrazzjoni irregolari u tiżdied ir-rata ta’ ritorn ta’ migranti irregolari.

(2) Huwa neċessarju li tiżdied l-effettività tas-sistema Ewropea għar-ritorn ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi li jirrisjedu illegalment. Dan huwa essenzjali biex tinżamm il-fiduċja pubblika fil-politika tal-Unjoni dwar il-migrazzjoni u l-ażil u biex ikun provdut appoġġ lill-persuni li jkunu jeħtieġu protezzjoni internazzjonali.

(3) Jenħtieġ li l-Istati Membri jieħdu l-miżuri kollha neċessarji biex jirritornaw ċittadini ta’ pajjiżi terzi li jirrisjedu illegalment b’mod effettiv u proporzjonat, skont id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2008/115/KE.

(4) Jenħtieġ li tiġi stabbilita sistema mifruxa mal-Unjoni kollha għall-kondiviżjoni ta’ informazzjoni bejn l-Istati Membri dwar deċiżjonijiet ta’ ritorn maħruġa fir-rigward ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi li jirrisjedu illegalment fit-territorju tal-Istati Membri skont id-dispożizzjonijiet li jirrispettaw id-Direttiva 2008/115/KE u għal monitoraġġ ta’ jekk iċ-ċittadini ta’ pajjiżi terzi soġġetti għal dawk id-deċiżjonijiet ikunux telqu mit-territorju tal-Istati Membri.

(5) Ir-Regolament (UE) 2018/xxx [kontrolli fil-fruntiera][24] u r-Regolament (UE) 2018/xxx [kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja][25] jistabbilixxu l-kundizzjonijiet għall-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta’ Informazzjoni ta’ Schengen (SIS).

[24] Ir-Regolament (UE) 2018/... dwar l-istabbiliment, l-użu u t-tħaddim tas-Sistema ta’ Informazzjoni ta’ Schengen għall-finijiet ta’ kontrolli fil-fruntiera (ĠU L ...).

[25] Ir-Regolament (UE) 2018/... dwar l-istabbiliment, l-użu u t-tħaddim tas-Sistema ta’ Informazzjoni ta’ Schengen għall-finijiet ta’ kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali (ĠU L ...).

(6) Jenħtieġ li t-twissijiet SIS dwar ir-ritorn u l-iskambju ta' informazzjoni supplimentari dwar dawn it-twissijiet jappoġġaw lill-awtoritajiet kompetenti biex jieħdu l-miżuri neċessarji biex jinfurzaw deċiżjonijiet ta' ritorn maħruġa skont id-dispożizzjonijiet li jirrispettaw id-Direttiva 2008/115/KE. Jenħtieġ li s-SIS tikkontribwixxi għall-identifikazzjoni u l-kondiviżjoni ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu s-suġġett ta' tali deċiżjoni ta' ritorn, li ħarbu u li jiġu arrestati fi Stat Membru ieħor. Dawn il-miżuri jenħtieġ li jgħinu biex jipprevjenu u jiskoraġġixxu l-migrazzjoni illegali u biex itejbu l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri.

(7) Biex jiżguraw l-effettività tar-ritorn u jżidu l-valur miżjud ta' twissijiet dwar ritorn, jenħtieġ li l-Istati Membri jdaħħlu twissijiet fis-SIS fir-rigward tad-deċiżjonijiet ta' ritorn kollha li joħorġu lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu illegalment skont id-dispożizzjonijiet li jirrispettaw id-Direttiva 2008/115/KE. Għan dan il-għan, jenħtieġ li l-Istati Membri jdaħħlu twissija fis-SIS anki meta deċiżjonijiet li jimponu jew li jiddikjaraw obbligu ta' ritorn jinħarġu fis-sitwazzjonijiet deskritti fl-Artikolu 2(2) ta' dik id-Direttiva, b'mod partikolari lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma soġġetti għal ċaħda ta' dħul skont il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, jew li huma arrestati jew interċettati mill-awtoritajiet kompetenti b'konnessjoni mal-qsim irregolari bl-art, bil-baħar jew bl-ajru tal-fruntiera esterna ta' Stat Membru u li sussegwentement ma kisbux awtorizzazzjoni jew dritt ta' soġġorn f'dak l-Istat Membru, u lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma soġġetti għal ritorn bħala sanzjoni ta' liġi kriminali jew bħala konsegwenza ta' sanzjoni ta' liġi kriminali, skont il-liġi nazzjonali, jew li huma s-suġġett ta' proċeduri ta' estradizzjoni.

(8) Jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli komuni għad-dħul fis-SIS ta' twissijiet relatati ma' ritorn minnufih hekk kif jinħarġu d-deċiżjonijiet ta' ritorn sottostanti skont id-dispożizzjonijiet li jirrispettaw id-Direttiva 2008/115/KE. Jenħtieġ li t-twissija tindika jekk ingħatax perjodu għal tluq volontarju liċ-ċittadin ta' pajjiż terz konċernat, inkluż jekk dak il-perjodu ġiex estiż filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkustanzi speċifiċi tal-każ individwali, u jekk id-deċiżjoni ġietx sospiża jew jekk it-tneħħija ġietx posposta.

(9) Jenħtieġ li jkunu speċifikati l-kategoriji ta' data li tista' tiddaħħal fis-SIS fir-rigward ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma s-suġġett ta' deċiżjoni ta' ritorn maħruġa skont id-dispożizzjonijiet li jirrispettaw id-Direttiva 2008/115/KE. Jenħtieġ li t-twissijiet dwar ritorn jkun fihom biss dik id-data li hija meħtieġa biex ikunu identifikati s-suġġetti tad-data, biex l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet infurmati mingħajr telf ta' ħin u biex, fejn ikun meħtieġ, tkun żgurata l-protezzjoni tagħhom fir-rigward ta' persuni li jkunu armati, vjolenti, li ħarbu jew li huma involuti f'attività kif imsemmi fl-Artikoli 1, 2, 3 u 4 tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/475/ĠAI dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu[26]. Barra minn hekk, sabiex tkun iffaċilitata l-identifikazzjoni u jkunu skoperti identitajiet multipli, jenħtieġ li t-twissija tinkludi anki referenza għad-dokument ta' identifikazzjoni personali u kopja ta' dokumenti tali, jekk disponibbli.

(10) Jenħtieġ li kull Stat Membru jaħtar awtorità responsabbli mill-iskambju ta' informazzjoni supplimentari b'konnessjoni ma' twissijiet dwar ritorn sabiex tkun żgurata kooperazzjoni effiċjenti u rapida bejn l-Istati Membri.

---

[26] Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/475/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu (ĠU L 164, 22.6.2002, p. 3).

(11) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti proċeduri biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jivverifikaw li l-obbligu ta' ritorn ġie rispettat u biex ikun konfermat it-tluq taċ-ċittadin ta' pajjiż terz konċernat lill-Istat Membru li ħareġ it-twissija dwar ritorn. Jenħtieġ li din l-informazzjoni tikkontribwixxi għal segwitu aktar komprensiv tal-konformità ma' deċiżjonijiet ta' ritorn skont id-dispożizzjonijiet li jirrispettaw id-Direttiva 2008/115/KE.

(12) Jenħtieġ li t-twissijiet dwar ritorn jitħassru minnufih hekk kif l-Istat Membru jew l-awtorità kompetenti li jkunu ħarġu d-deċiżjoni ta' ritorn skont d-dispożizzjonijiet li jirrispettaw id-Direttiva 2008/115/KE jkunu ġew infurmati li r-ritorn seħħ. Fejn deċiżjoni ta' ritorn tkun akkumpanjata minn projbizzjoni ta' dħul, din tal-aħħar jenħtieġ li tiddaħħal fis-SIS skont l-Artikolu 24(3) tar-Regolament (UE) 2018/xxx [kontrolli fil-fruntiera]. F'każijiet bħal dawn, jenħtieġ li l-Istati Membri jieħdu l-miżuri neċessarji kollha biex jiżguraw li ma tkun teżisti l-ebda lakuna ta' żmien bejn il-mument li fih iċ-ċittadin ta' pajjiż terz iħalli ż-żona ta' Schengen u l-attivazzjoni tat-twissija dwar il-projbizzjoni ta' dħul fis-SIS.

(13) Jenħtieġ li s-SIS ikun fiha mekkaniżmu biex l-Istati Membri jiġu notifikati dwar in-nonkonformità ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'obbligu li jirritornaw fi żmien perjodu partikolari ta' tluq volontarju. Jenħtieġ li l-mekkaniżmu jappoġġa lill-Istati Membri biex jirrispettaw l-obbligi tagħhom skont l-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 2008/115/KE fir-rigward ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma kkonformawx ma' obbligu ta' ritorn.

(14) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jistabbilixxi regoli obbligatorji għall-konsultazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali biex isolvu struzzjonijiet kunfliġġenti possibbli. Jenħtieġ li jsiru konsultazzjonijiet fil-każ fejn ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkollhom, jew li jkunu qed jingħataw, permess ta' residenza validu jew awtorizzazzjoni jew dritt ta' soġġorn oħra minn Stat Membru jkunu soġġetti għal twissija dwar ritorn maħruġa minn Stat Membru ieħor, jew każijiet fejn jistgħu jirriżultaw sitwazzjonijiet kunfliġġenti mad-dħul fit-territorji tal-Istati Membri.

(15) Jenħtieġ li t-twissijiet jinżammu fis-SIS biss għaż-żmien meħtieġ biex jintlaħqu l-finijiet li għalihom kienu mdaħħla. Skont l-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) 2018/xxx [kontrolli fil-fruntiera] il-perjodu ta' reviżjoni għal twissijiet dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi huwa ħames snin.

(16) Data proċessata fis-SIS jew trasferita permezz tal-iskambju ta' informazzjoni supplimentari tista' tipprovdi lill-Istat Membru tal-infurzar b'informazzjoni li tkun utli għall-identifikazzjoni u r-ridokumentazzjoni rapidi ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu illegalment, bil-ħsieb tar-ritorn tagħhom lejn pajjiż terz. F'każijiet individwali, jenħtieġ li tkun possibbli l-kondiviżjoni ta' data u ta' informazzjoni ma' pajjiż terz għal dan l-għan. Jenħtieġ li l-kondiviżjoni ta' kull data personali tkun soġġetta għal kundizzjonijiet ċari, u li ssir skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2016/679 u titwettaq bil-qbil tal-Istat Membru li jkun ħareġ it-twissija.

(17) L-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għar-ritorn jistgħu jkunu konsiderevolment differenti bejn Stat Membru u ieħor, u dawn l-awtoritajiet jistgħu jvarjaw ukoll fi Stat Membru skont ir-raġunijiet għas-soġġorn illegali. L-awtoritajiet ġudizzjarji jistgħu wkoll joħorġu deċiżjonijiet ta' ritorn skont id-dispożizzjonijiet li jirrispettaw id-Direttiva 2008/115/KE, pereżempju b'riżultat ta' appelli kontra rifjut li tingħata awtorizzazzjoni jew dritt ta' soġġorn, jew bħala sanzjoni kriminali. Jenħtieġ li l-awtoritajiet nazzjonali kollha responsabbli mill-ħruġ u l-infurzar ta' deċiżjonijiet ta' ritorn skont id-Direttiva 2008/115/KE jkollhom id-dritt li jaċċessaw is-SIS sabiex idaħħlu, jaġġornaw, iħassru u jfittxu twissijiet dwar ritorn.

(18) Jenħtieġ li l-aċċess għal twissijiet dwar ritorn jingħata lill-awtoritajiet nazzjonali msemmija fil-punti (a), (b), (c) u (d) tal-Artikolu 29(1) u fl-Artikolu 29(2) tar-Regolament (UE) 2018/xxx [kontrolli fil-fruntiera] bl-għan tal-identifikazzjoni u r-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi.

(19) Ir-Regolament (UE) 2016/794 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Regolament Europol) jipprevedi li l-Europol tappoġġa u ssaħħaħ l-azzjonijiet imwettqa mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-kooperazzjoni tagħhom fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità serja u jipprovdi analiżi u valutazzjonijiet tat-theddid. Biex l-Europol tkun megħjuna fit-twettiq tal-kompiti tagħha, b'mod partikolari fi ħdan iċ-Ċentru Ewropew kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti, huwa xieraq li l-Europol tingħata aċċess għall-kategorija ta' twissija definita f'dan ir-Regolament.

(20) Ir-Regolament (UE) 2016/1624 jipprevedi li l-Istat Membru ospitanti għandu jawtorizza lill-membri tat-timijiet ta' Gwardji Ewropej tal-Fruntiera u tal-Kosta jew lil timijiet ta' persunal involuti f'kompiti relatati mar-ritorn, skjerati mill-Aġenzija Ewropea tal-Gwardji tal-Fruntiera u tal-Kosta, biex jikkonsultaw bażijiet ta' data Ewropej, fejn din il-konsultazzjoni tkun neċessarja għall-kisba ta' miri operattivi speċifikati fil-pjan operattiv dwar il-kontrolli fil-fruntiera, is-sorveljanza tal-fruntiera u r-ritorn. L-objettiv tal-iskjerament tat-timijiet ta' Gwardji Ewropej tal-Fruntiera u tal-Kosta, ta' timijiet ta' persunal involuti f'kompiti relatati mar-ritorn u tat-timijiet ta' appoġġ għall-ġestjoni tal-migrazzjoni huwa li jkun previst ir-rinforz tekniku u operattiv għall-Istati Membri rikjedenti, speċjalment lil dawk li jkunu qed jaffaċċjaw sfidi migratorji sproporzjonati. It-twettiq tal-kompiti assenjati lit-timijiet ta' Gwardji Ewropej tal-Fruntiera u tal-Kosta, lil timijiet ta' persunal involuti f'kompiti relatati mar-ritorn u lit-timijiet ta' appoġġ għall-ġestjoni tal-migrazzjoni, jirrikjedi aċċess għal twissijiet dwar ritorn fis-SIS permezz ta' interfaċċa tekniku tal-Aġenzija Ewropea tal-Gwardji tal-Fruntiera u tal-Kosta b'konnessjoni mas-SIS Ċentrali.

(21) Id-dispożizzjonijiet dwar ir-responsabbiltajiet tal-Istati Membri u l-Aġenzija Ewropea dwar il-ġestjoni operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja, id-dħul u l-ipproċessar ta' twissijiet, il-kundizzjonijiet għall-aċċess u ż-żamma ta' twissijiet, l-ipproċessar ta' data, il-protezzjoni tad-data, ir-responsabbiltà u l-monitoraġġ u l-istatistika kif inkluż fir-Regolament (UE) 2018/xxx [kontrolli fil-fruntiera] jenħtieġ li japplikaw ukoll għal data mdaħħla u proċessata fis-SIS skont dan ir-Regolament.

(22) Skont l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta bih u lanqas ma hija soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu. Peress li dan ir-Regolament jibni, sa fejn dan japplika għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jissodisfawx jew li ma għadhomx jissodisfaw il-kondizzjonijiet ta' dħul f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[27], fuq l-*acquis* ta' Schengen, id-Danimarka għandha, f'konformità mal-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, tiddeċiedi f'perjodu ta' sitt xhur wara li l-Kunsill ikun iddeċieda dwar dan ir-Regolament jekk hijiex sejra timplimentah fil-liġi nazzjonali tagħha.

[27] Ir-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) (ĠU L 77, 23.3.2016, p. 1).

(23) Peress li japplika għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jissodisfawx jew li ma għadhomx jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' dħul skont ir-Regolament (UE) 2016/399, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li fih ir-Renju Unit ma jiħux sehem, skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE[28]; għaldaqstant ir-Renju Unit mhuwiex qed jieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u ma huwiex marbut bih jew soġġett għall-applikazzjoni tiegħu. Barra minn hekk, skont l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dan il-Protokoll, ir-Renju Unit mhuwiex qed jieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhuwiex marbut bih jew soġġett għall-applikazzjoni tiegħu.

(24) Peress li japplika għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jissodisfawx jew li ma għadhomx jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' dħul skont ir-Regolament (UE) 2016/399, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li fih l-Irlanda ma tiħux sehem, skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE[29]; għaldaqstant l-Irlanda mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu. F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, l-Irlanda mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.

(25) Fir-rigward tal-Iżlanda u n-Norveġja, dan ir-Regolament jikkostitwixxi, sa fejn dan japplika għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jissodisfawx jew li ma għadhomx jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' dħul skont ir-Regolament (UE) 2016/399, żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fit-tifsira tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn tal-aħħar mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen[30], li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, il-punt C tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE[31].

(26) Fir-rigward tal-Iżvizzera, dan ir-Regolament jikkostitwixxi, safejn japplika għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jissodisfawx jew li ma għadhomx jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' dħul skont ir-Regolament (UE) 2016/399, żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fit-tifsira tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-

---

28 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tad-29 ta' Mejju 2000 dwar it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq biex jieħdu parti f'xi dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 131, 1.6.2000, p. 43).

29 Id-Deciżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 rigward it-talba tal-Irlanda biex tiehu sehem f'xi disposizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20).

30 ĠU L 176, 10.7.1999, p. 36

31 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE tas-17 ta' Mejju 1999 dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Islanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn iż-żewġ Stati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 176, 10.7.1999, p. 31).

*acquis* ta' Schengen[32], li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, il-punt C tad-Deċiżjoni 1999/437/KE moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE[33].

(27) Fir-rigward tal-Liechtenstein, dan ir-Regolament jikkostitwixxi, sa fejn dan japplika għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jissodisfawx jew li ma għadhomx jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' dħul skont ir-Regolament (UE) 2016/399, żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fit-tifsira tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen[34], li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, il-punt C tad-Deċiżjoni 1999/437/KE moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/UE[35].

(28) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 28(2) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 u ta opinjoni fil-[...],

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*
*Suġġett u kamp ta' applikazzjoni*

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-kundizzjonijiet u l-proċeduri għad-dħul u l-ipproċessar fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS), kif stabbilit mir-Regolament (UE) 2018/xxx [kontrolli fil-fruntiera], ta' twissijiet fir-rigward ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għal deċiżjonijiet ta' ritorn maħruġa mill-Istati Membri skont il-proċeduri li jirrispettaw id-Direttiva 2008/115/KE, kif ukoll għall-iskambju ta' informazzjoni supplimentari dwar tali twissijiet.

*Artikolu 2*
*Definizzjonijiet*

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "ritorn" tfisser ritorn kif definit fl-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2008/115/KE;

(b) "ċittadin ta' pajjiż terz" tfisser ċittadin ta' pajjiż terz kif definit fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2008/115/KE;

(c) "deċiżjoni ta' ritorn" tfisser deċiżjoni ta' ritorn kif definit fl-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 2008/115/KE;

---

[32] ĠU L 53, 27.2.2008, p. 52.

[33] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE tat-28 ta' Jannar 2008 dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 53, 27.2.2008, p. 1).

[34] ĠU L 160, 18.6.2011, p. 21.

[35] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/UE tas-7 ta' Marzu 2011 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzoni Svizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen, relatat mal-abolizzjoni tal-verifiki mal-fruntieri interni u l-moviment tal-persuni (ĠU L 160, 18.6.2011, p. 19).

(d) “deċiżjoni ta' ritorn maħruġa skont id-dispożizzjonijiet li jirrispettaw id-Direttiva 2008/115/KE” tfisser deċiżjoni ta' ritorn fis-sens tal-punt (c) u deċiżjoni jew att amministrattivi jew ġudizzjarji, li jgħidu jew jiddikjaraw li s-soġġorn ta’ ċittadin ta' pajjiż terz huwa illegali u li jimponu jew jiddikjaraw obbligu ta’ ritorn, maħruġa skont il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2008/115/KE;

(e) “tluq volontarju” tfisser tluq volontarju kif definit fl-Artikolu 4(8) tad-Direttiva 2008/115/KE;

(f) “CS-SIS” tfisser il-funzjoni ta’ appoġġ tekniku tas-SIS Ċentrali kif imsemmi fl-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament (UE) 2018/xxx [kontrolli fil-fruntiera].

*Artikolu 3*
*Dħul ta’ data fis-SIS*

1. Id-data dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għal deċiżjoni ta' ritorn maħruġa skont id-dispożizzjonijiet li jirrispettaw id-Direttiva 2008/115/KE għandha tiddaħħal fis-SIS bl-għan li jkun verifikat li l-obbligu ta’ ritorn ġie rispettat u biex ikun appoġġat l-infurzar tad-deċiżjoni. Meta tinħareġ id-deċiżjoni ta' ritorn skont id-dispożizzjonijiet li jirrispettaw id-Direttiva 2008/115/KE għandha tiddaħħal twissija fis-SIS.

2. Il-perjodu għal tluq volontarju mogħti lil ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għal deċiżjoni ta' ritorn maħruġa skont id-dispożizzjonijiet li jirrispettaw id-Direttiva 2008/115/KE għandu jkun irreġistrat minnufih fit-twissija.

3. Is-sospensjoni u l-posponiment tal-infurzar tad-deċiżjoni ta' ritorn maħruġa skont id-dispożizzjonijiet li jirrispettaw id-Direttiva 2008/115/KE għandhom ikunu rreġistrati minnufih fit-twissija.

*Artikolu 4*
*Kategoriji ta’ data*

Id-data mdaħħla fis-SIS skont l-Artikolu 3 ta’ dan ir-Regolament għandu jkun fiha dan li ġej:

(a) kunjom(ijiet);

(b) isem/ismijiet;

(c) isem/ismijiet mat-twelid;

(d) ismijiet u psewdonimi użati preċedentement;

(e) kull karatteristika fiżika speċifika u oġġettiva li ma tinbidilx;

(f) il-post tat-twelid;

(g) data tat-twelid;

(h) sess;

(i) ċittadinanza/i;

(j) jekk il-persuna kkonċernata hix armata, vjolenti, ħarbitx jew hix involuta f’attività kif imsemmi fl-Artikoli 1, 2, 3 u 4 tad-Deċizjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/475/ĠAI dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu;

(k) raġuni għat-twissija;

(l) l-awtorità li qed toħroġ it-twissija;

(m) referenza għad-deċiżjoni li wasslet għat-twissija;

(n) azzjoni li għandha tittieħed;

(o) kollegament(i) ma’ twissijiet oħra maħruġa fis-SIS;

(p) il-kategorija tad-dokument ta’ identifikazzjoni tal-persuna;

(q) il-pajjiż ta’ ħruġ tad-dokument ta’ identifikazzjoni tal-persuna;

(r) in-numru/i tad-dokument ta’ identifikazzjoni tal-persuna;

(s) id-data ta’ ħruġ tad-dokument ta’ identifikazzjoni tal-persuna;

(t) ritratti u immaġni tal-wiċċ;

(u) data dattilografika;

(v) kopja bil-kulur tad-dokument ta’ identità;

(w) perjodu għal tluq volontarju;

(x) jekk id-deċiżjoni ta' ritorn maħruġa skont id-dispożizzjonijiet li jirrispettaw id-Direttiva 2008/115/KE ġietx sospiża jew jekk l-infurzar tad-deċiżjoni ġiex pospost.

Ma tistax tiddaħħal twissija mingħajr id-data msemmija f’(a),(g),(k),(m),(n) u (w). Meta tkun disponibbli, id-data l-oħra kollha elenkata hawn fuq għandha wkoll tiddaħħal.

*Artikolu 5*
*L-awtorità responsabbli mill-iskambju ta’ informazzjoni supplimentari*

Kull Stat Membru għandu jaħtar awtorità responsabbli mill-iskambju ta’ informazzjoni supplimentari dwar ċittadini ta’ pajjiżi terzi soġġetti għal ritorn skont id-dispożizzjonijiet tal-Manwal SIRENE stabbiliti fl-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2018/xxx [Kontrolli fil-fruntiera].

*Artikolu 6*
*Konferma ta’ ritorn*

1. Meta ċittadin ta' pajjiż terz li huwa s-suġġett ta’ twissija dwar ritorn huwa identifikat meta jkun ħiereġ mill-fruntieri esterni ta’ Stat Membru, l-Istat Membru li jkun identifika liċ-ċittadin ta' pajjiż terz konċernat għandu jikkomunika l-informazzjoni li ġejja lill-Istat Membru emittenti permezz tal-iskambju ta’ informazzjoni supplimentari:

(a) il-fatt li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ġie identifikat;

(b) il-post u l-ħin tal-kontroll;

(c) jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ħalliex it-territorju tal-Istati Membri;

(d) jekk ir-ritorn kienx rispett volontarju ta’ obbligu ta’ ritorn jew kienx infurzat;

(e) il-pajjiż terz ta’ destinazzjoni.

Meta ċittadin ta' pajjiż terz, li jkun is-suġġett ta’ twissija dwar ritorn, joħroġ mill-fruntiera esterna tal-Istat Membru emittenti, il-konferma ta’ ritorn għandha tkun komunikata lill-awtorità kompetenti skont il-liġi nazzjonali.

2. L-Istat Membru emittenti għandu minnufih iħassar it-twissija wara li jirċievi l-konferma ta’ ritorn.

3. L-Istati Membri għandhom jipprovdu statistika mensili lill-Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta’ libertà, sigurtà u ġustizzja stabbilita mir-Regolament (UE) Nru 1077/2011 tal-Parlament Ewropew u

tal-Kunsill[36] ("l-Aġenzija") dwar in-numru ta' ritorni konfermati, dwar jekk ir-ritorn sarx b'rispett volontarju ta' obbligu ta' ritorn jew jekk kienx infurzat, u dwar il-pajjiżi terzi ta' destinazzjoni. Din l-istatistika ma għandux ikun fiha data personali.

*Artikolu 7*

*Nonkonformità ma' deċiżjonijiet ta' ritorn maħruġa skont id-dispożizzjonijiet li jirrispettaw id-Direttiva 2008/115/KE*

1. Is-CS-SIS għandha tinnotifika lill-Istati Membri dwar it-twissijiet ta' ritorn tagħhom li l-perjodu għal tluq volontarju tagħhom ikun skada.

2. Fejn ċittadin ta' pajjiż terz li huwa suġġett ta' twissija dwar ritorn ikun identifikat minn awtorità kompetenti u jkun ġie kkonfermat mill-istess awtorità li l-obbligu ta' ritorn ma' ġiex rispettat, dik l-awtorità għandha minnufih tikkonsulta l-Istat Membru emittenti permezz tal-iskambju ta' informazzjoni supplimentari biex ikun determinat mingħajr dewmien liema azzjoni għandha tittieħed.

*Artikolu 8*

*Proċedura ta' konsultazzjoni*

1. Fejn Stat Membru jikkunsidra jagħti permess ta' residenza jew awtorizzazzjoni oħra li toffri dritt ta' soġġorn lil ċittadin ta' pajjiż terz li huwa s-suġġett ta' twissija dwar ritorn imdaħħla minn Stat Membru ieħor, l-Istat Membru preċedenti għandu l-ewwel jikkonsulta, permezz tal-iskambju ta' informazzjoni supplimentari, l-Istat Membru li daħħal it-twissija. L-Istat Membru li daħħal it-twissija għandu jwieġeb fi żmien sebat ijiem. Jekk l-Istat Membru li jkun qed jikkunsidra jagħti permess ta' residenza jew awtorizzazzjoni oħra li toffri dritt ta' soġġorn jiddeċiedi li jagħtih(a), it-twissija dwar ritorn għandha titħassar.

2. Fejn Stat Membru jikkunsidra li jdaħħal twissija għal ritorn fir-rigward ta' ċittadin ta' pajjiż terz li huwa d-detentur ta' permess ta' residenza validu jew awtorizzazzjoni oħra li j/toffri dritt ta' soġġorn maħruġ(a) minn Stat Membru ieħor, huwa għandu jinforma permezz tal-iskambju ta' informazzjoni supplimentari lill-Istat Membru li ħareġ il-permess biex dak l-Istat Membru jkun jista' jiddeċiedi jekk hemmx raġunijiet li jiġġustifikaw l-irtirar tagħha. L-Istat Membru li ħareġ il-permess għandu jipprovdi tweġiba definittiva fi żmien sebat ijiem.

3. Fil-każ ta' hit dwar twissija dwar ritorn fir-rigward ta' ċittadin ta' pajjiż terz li huwa d-detentur ta' permess ta' residenza validu jew awtorizzazzjoni oħra li toffri dritt ta' soġġorn, l-Istat Membru li jkun identifika liċ-ċittadin ta' pajjiż terz konċernat għandu jikkonsulta minnufih lill-Istati Membri involuti, permezz tal-iskambju ta' informazzjoni supplimentari, biex jiġi determinat liema azzjoni għandha tittieħed.

4. Fejn ċittadin ta' pajjiż terz li huwa s-suġġett ta' twissija dwar ritorn ikun identifikat meta jkun dieħel mill-fruntieri esterni, l-Istat Membru li jkun identifika liċ-ċittadin ta' pajjiż terz konċernat għandu jinforma minnufih, permezz tal-iskambju ta' informazzjoni supplimentari, lill-Istat Membru emittenti biex iħassar it-twissija.

5. L-Istati Membri għandhom jipprovdu statistika fuq bażi annwali lill-Aġenzija dwar il-konsultazzjonijiet imwettqa skont il-paragrafi 1, 2, 3 u 4.

---

[36] Ir-Regolament (UE) Nru 1077/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (ĠU L 286, 1.11.2011, p. 1).

*Artikolu 9*
*Tħassir ta' twissijiet*

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 6 u 8, twissijiet dwar ritorn għandhom jitħassru meta d-deċiżjoni li fuqha kienet ibbażata t-twissija tkun ġiet irtirata jew annullata mill-awtorità kompetenti. Twissijiet dwar ritorn għandhom jitħassru wkoll meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz konċernat jista' juri li telaq mit-territorju tal-Istati Membri f'konformità ma' deċiżjoni ta' ritorn maħruġa skont id-dispożizzjonijiet li jirrispettaw id-Direttiva 2008/115/KE.

2. Twissijiet dwar ritorn imdaħħla fir-rigward ta' persuna li tkun kisbet iċ-ċittadinanza ta' Stat Membru jew ta' kwalunkwe Stat li ċ-ċittadini tiegħu huma benefiċjarji tad-dritt ta' moviment liberu fi ħdan l-Unjoni għandhom jitħassru hekk kif l-Istat Membru emittenti jsir konxju, jew jiġi infurmat skont l-Artikolu 39 tar-Regolament (UE) 2018/xxx [kontrolli fil-fruntiera], li l-persuna inkwistjoni kisbet tali ċittadinanza.

*Artikolu 10*
*Trasferiment ta' data personali lil pajjiżi terzi għall-fini ta' ritorn*

Data proċessata fis-SIS u l-informazzjoni supplimentari relatata skont dan ir-Regolament tista' tiġi trasferita jew imqiegħda għad-dispożizzjoni ta' pajjiż terz skont il-Kapitolu V tar-Regolament (UE) 2016/679 bl-awtorizzazzjoni tal-Istat Membru emittenti, biss għall-fini tal-identifikazzjoni u l-ħruġ ta' dokument ta' identifikazzjoni jew tal-ivvjaġġar lil ċittadin ta' pajjiż terz li jirrisjedi illegalment bil-ħsieb ta' ritorn.

*Artikolu 11*
*Statistika*

Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet dwar l-istatistika fl-Artikolu 54 tar-Regolament (UE) 2018/xxx [Kontrolli fil-fruntiera], l-Aġenzija għandha tipproduċi statistika ta' kuljum, mensili u annwali, kemm f'numru totali kif ukoll għal kull Stat Membru dwar in-numru ta' twissijiet dwar ritorn imdaħħla fis-SIS, inkluż dwar id-data msemmija fl-Artikolu 4(x) ta' dan ir-Regolament, dwar in-notifiki msemmija fl-Artikolu 7(1) ta' dan ir-Regolament u n-numru ta' twissijiet dwar ritorn imħassra minħabba konformità ma' obbligu ta' ritorn. L-Aġenzija għandha tipproduċi statistika mensili u annwali dwar id-data pprovduta mill-Istati Membri skont l-Artikolu 6(3) u l-Artikolu 8(5) ta' dan ir-Regolament. Din l-istatistika ma għandux ikun fiha data personali.

*Artikolu 12*
*Dritt ta' aċċess għal data fis-SIS*

1. L-aċċess għal data mdaħħla fis-SIS u d-dritt għal tiftix f'din id-data għandhom ikunu riżervati għall-awtoritajiet nazzjonali msemmija fil-punti (a), (b), (c) u (d) tal-Artikolu 29(1) u fl-Artikolu 29(2) tar-Regolament (UE) 2018/xxx [Kontrolli fil-fruntiera] għall-fini tal-identifikazzjoni u r-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi.

2. Fil-mandat tagħha l-Europol għandu jkollha d-dritt għal aċċess għal data mdaħħla fis-SIS u għal tiftix fiha bl-għan li tkun appoġġata u msaħħa azzjoni mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-kooperazzjoni reċiproka tagħhom fil-prevenzjoni tad-dħul klandestin ta' migranti u l-ġlieda kontrih u l-iffaċilitar tal-migrazzjoni irregolari skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 30 tar-Regolament (UE) 2018/xxx [Kontrolli fil-fruntiera].

3. Membri tat-timijiet Ewropej ta’ Gwardji tal-Fruntiera u tal-Kosta jew timijiet ta’ persunal involuti f’kompiti relatati mar-ritorn kif ukoll il-membri tat-timijiet ta’ appoġġ għall-ġestjoni tal-migrazzjoni fil-mandat tagħhom għandu jkollhom id-dritt għal aċċess għal data mdaħħla fis-SIS u għal tiftix fiha bl-għan li jwettqu kontrolli fil-fruntiera, sorveljanza tal-fruntiera u operazzjonijiet ta’ ritorn permezz tal-interfaċċa teknika stabbilita u miżmuma mill-Aġenzija Ewropea tal-Gwardji tal-Fruntiera u tal-Kosta kif imsemmi fi u skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 31 u 32(2) tar-Regolament (UE) 2018/xxx [Kontrolli fil-fruntiera].

*Artikolu 13*

*Applikabbiltà tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2018/xxx [Kontrolli fil-fruntiera]*

Peress li mhumiex stabbiliti f’dan ir-Regolament, id-dispożizzjonijiet dwar ir-responsabbiltajiet tal-Istati Membri u l-Aġenzija, id-dħul u l-ipproċessar ta’ twissijiet, il-kundizzjonijiet għal aċċess għal twissijiet u ż-żamma tagħhom, il-protezzjoni tad-data, ir-responsabbiltà u l-monitoraġġ u l-istatistika stabbiliti fl-Artikoli minn 6 sa 19, l-Artikolu 20(3)-(4) kif ukoll fl-Artikoli 21, 22, 28, 29(4) u minn 33 sa 54 tar-Regolament (UE) 2018/xxx [Kontrolli fil-fruntiera] għandhom japplikaw għal data mdaħħla u proċessata fis-SIS skont dan ir-Regolament.

*Artikolu 14*

*Dħul fis-seħħ*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu *f’Il Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mid-data stipulata mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE) 2018/xxx [kontrolli fil-fruntiera].

Magħmul fi Brussell,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |

## DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

### 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva:

1.2. Qasam/oqsma ta' politika konċernat(i) fl-istruttura ABM/ABB:

1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva:

1.4. Għan(ijiet)

1.5. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva:

1.6. Durata u impatt finanzjarju

1.7. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)

### 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ ta' rappurtar

2.2. Sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

### 3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i tal-baġit tan-nefqa affettwati:

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

*3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*

*3.2.2. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali*

*3.2.3. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva*

*3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

*3.2.5. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

# DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

## 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

### 1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva

| |
|---|
| Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen għar-ritorn ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi li jirrisjedu illegalment |

### 1.2. Qasam/Oqsma ta’ politika kkonċernat/i fl-istruttura ABM/ABB[37]

| |
|---|
| Qasam ta' politika: Migrazzjoni u Affarijiet Interni (Titolu 18) |

### 1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva

☐ Il-proposta/l-inizjattiva hija dwar **azzjoni ġdida**

☐ Il-proposta/l-inizjattiva hija dwar **azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja**[38]

☑ Il-proposta/l-inizjattiva hija dwar l-**estensjoni ta’ azzjoni eżistenti**

☐ Il-proposta/l-inizjattiva hija dwar **azzjoni dirett mill-ġdid lejn azzjoni ġdida**

### 1.4. Għan(ijiet)

*1.4.1. L-għan(ijiet) strateġiku/strateġiċi pluriennali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta/tal-inizjattiva*

Għan - Lejn politika ġdida dwar il-migrazzjoni

Il-ħtieġa li tkun riveduta l-bażi legali tas-SIS biex ikunu inklużi deċiżjonijiet ta’ ritorn maħruġa skont id-Direttiva 2008/115/KE u tiġi indirizzata l-kriżi kontinwa tal-migrazzjoni u r-refuġjati ġiet enfasizzata mill-Kummissjoni f’diversi okkażjonijiet. Pereżempju, fil-Pjan ta’ Azzjoni tal-UE dwar ir-Ritorn[39] u fil-Komunikazzjoni dwar Sistemi ta’ Informazzjoni Aktar b’Saħħithom u Aktar Intelliġenti għall-Fruntieri u s-Sigurtà[40] li jimplimentaw l-impenji tal-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni[41], il-Kummissjoni identifikat il-ħtieġa li jkunu sfruttati aħjar is-sistemi tal-IT fuq skala kbira bl-għan li tinbena sistema ta’ ritorn aktar effettiva.

Wieħed mill-inċentivi għall-migranti irregolari huwa l-għarfien li s-sistema ta’ ritorn tal-UE, maħsuba biex jiġu ritornati l-migranti jew dawk li l-applikazzjonijiet tagħhom għal ażil ikunu ġew rifjutati, ma taħdimx b’mod perfett. Fil-Komunikazzjoni tagħha dwar il-Politika ta’ Ritorn tal-UE [42] l-Kummissjoni kkonkludiet li l-potenzjal tas-SIS fil-qasam tar-ritorn jista’ jkun ulterjorment imtejjeb. Din il-proposta għal Regolament għandha l-għan li tindirizza din il-kwistjoni u ttejjeb il-konsistenza bejn il-politika ta' ritorn u s-SIS. Hi timmira li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet u l-proċeduri għall-użu tas-SIS għar-ritorn ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi li jirrisjedu illegalment li fir-rigward tagħhom tkun inħarġet deċiżjoni ta' ritorn mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti skont id-Direttiva 2008/115/KE.

[37] ABM: ġestjoni bbażata fuq l-attività; ABB: ibbaġitjar ibbażat fuq l-attività.
[38] Kif imsemmi fl-Artikolu 54(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.
[39] COM (2015) 453 final.
[40] COM (2016) 205 final.
[41] COM (2015) 240 final.
[42] COM (2014) 199 final.

| |
|---|
| Abbażi ta' studju, imniedi bl-għan li jkunu eżaminati l-fattibbiltà u l-implikazzjonijiet tekniċi u operattivi li deċiżjonijiet ta' ritorn maħruġa skont id-Direttiva 2008/115/KE jiġu inklużi fis-SIS, u f'konformità sħiħa mal-objettivi tal-Kummissjoni dikjarati fil-komunikazzjonijiet imsemmija hawn fuq u l-Pjan Strateġiku 2016-2020 tad-DĠ Migrazzjoni u Affarijiet Interni[43], din il-proposta timmira li testendi l-użu tas-SIS u, għaldaqstant, tistabbilixxi fi ħdan il-kuntest tas-SIS, sistema mifruxa mal-UE kollha għall-iskambju ta' data dwar deċiżjonijiet ta' ritorn u l-monitoraġġ tal-konformità magħhom; bidla li ssaħħaħ b'mod sinifikanti l-kondiviżjoni ta' informazzjoni dwar deċiżjonijiet ta' ritorn maħruġa mill-Istati Membri skont id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2008/115/KE[44]. |

1.4.2. *Għan(ijiet) speċifiku/speċifiċi u l-attività/attivitajiet ABM/ABB kkonċernata/i*

| |
|---|
| Għan speċifiku |
| Pjan Strateġiku 2016 - 2017 u Pjan ta' Ġestjoni 2017 tad-DĠ Migrazzjoni u Affarijiet Interni |
| Għan speċifiku Nru 1.1: Tnaqqis fl-inċentivi għal migrazzjoni irregolari (Linji politiċi effettivi ta' ritorn) |
| Attività/ajiet ABM/ABB kkonċernata/i |
| Kapitolu 18 02 - Sigurtà Interna |

43 Ares(2016)2231546 – 12/05/2016.

44 Id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (ĠU L 348, 24.12.2008, p. 98).

1.4.3. *Riżultat(i) u impatt(i) mistennija*

*Speċifika l-effetti li l-proposta/inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji/gruppi fil-mira.*

Id-dħul ta' deċiżjonijiet ta' ritorn maħruġa skont id-Direttiva 2008/115/KE bħala twissijiet fis-SIS jirriżulta f'benefiċċji tanġibbli, speċjalment fir-rigward tal-viżibbiltà tal-informazzjoni mal-Istati Membri u s-simplifikazzjoni ta' azzjonijiet ta' segwitu.

Il-proposta ser tappoġġa lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fl-isforzi tagħhom biex:

1. jimmonitorjaw jekk l-obbligu ta' ritorn ġiex rispettat fir-rigward ta' kull deċiżjoni ta' ritorn maħruġa skont id-Direttiva 2008/115/KE;

2. jinfurzaw id-deċiżjoni f'każ ta' nonkonformità;

3. jivverifikaw jekk ċittadin ta' pajjiż terz li jinstab illegalment fit-territorju hux soġġett għal deċiżjoni ta' ritorn maħruġa minn Stat Membru ieħor;

4. jinfurzaw deċiżjonijiet f'isem Stati Membri oħra;

5. jidentifikaw ċittadini ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu illegalment abbażi ta' informazzjoni dwar deċiżjonijiet infurzabbli;

6. jiġbru statistika dwar deċiżjonijiet ta' ritorn li ġew jew li ma ġewx rispettati.

Din il-proposta ser ikollha impatt pożittiv fuq il-ħidma ta' utenti aħħarin. L-uffiċjali fuq il-post u l-awtoritajiet emittenti ser ikollhom informazzjoni aħjar għad-dispożizzjoni tagħhom u dan jagħmilha possibbli li jieħdu l-aktar azzjoni xierqa f'waqtha. Essenzjalment, il-proposta għal Regolament tipprovdi lill-awtoritajiet tal-Istati Membri b'għodda addizzjonali biex jirrispettaw l-obbligu tagħhom li jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw l-infurzar ta' deċiżjonijiet ta' ritorn maħruġa skont id-Direttiva 2008/115/KE b'mod effettiv.

Għadd ta' bidliet tekniċi u operazzjonali ser ikollhom impatt fuq il-prattiki, l-organizzazzjoni u l-infrastruttura attwali. L-implikazzjonijiet primarji tal-introduzzjoni ta' deċiżjonijiet ta' ritorn maħruġa skont id-Direttiva 2008/115/KE fis-SIS jinkludu proċeduri operattivi ġodda/emendati, kategoriji ta' data addizzjonali fi twissijiet dwar ritorn u funzjonijiet ġodda tas-SIS (eż. il-funzjoni li l-awtorità emittenti tkun notifikata meta jkun skada l-perjodu ta' tluq volontarju). Dan it-tibdil jirrikjedi l-istabbiliment ta' infrastrutturi adegwati fl-Istati Membri biex idaħħlu u jiġġestixxu twissijiet dwar ritorn fis-SIS u kapaċità ta' ħżin addizzjonali fis-SIS Ċentrali.

Analiżi tat-tagħbija ta' ħidma żvelat li l-partijiet ikkonċernati kollha (u, b'mod aktar speċifiku, il-gwardji tal-fruntiera, l-uffiċjali tal-pulizija u l-awtoritajiet li jkunu qed joħorġu deċiżjonijiet ta' ritorn) ser jaffrontaw tagħbijiet ta' ħidma addizzjonali li jirriżultaw milli jkollhom jiġġestixxu twissijiet dwar ritorn u jsegwu numru akbar ta' hits.

Teżisti wkoll il-ħtieġa għal livell minimu ta' armonizzazzjoni bejn l-Istati Membri meta jkollhom x'jaqsmu ma' persuni li huma diġà suġġetti għal deċiżjoni ta' ritorn maħruġa minn Stat Membru ieħor skont id-Direttiva 2008/115/KE.

Finalment, peress li l-proposta tinvolvi l-ipproċessar ta' data personali, hemm impatt potenzjali fuq id-drittijiet fundamentali tal-individwu. Madankollu, dan l-impatt kien ikkunsidrat waqt il-proċess ta' abbozzar u jeżistu s-salvagwardji neċessarji biex

ikunu rispettati l-prinċipji stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, b'mod partikolari, l-Artikolu 8.

1.4.4. *Indikaturi tar-riżultati u tal-impatt*

*Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva.*

Waqt l-aġġornament tas-sistema

Wara l-approvazzjoni tal-abbozz ta' proposta u l-adozzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u d-dispożizzjonijiet implimentattivi, is-SIS ser tiġi aġġornata biex ikun implimentat it-tibdil propost. eu-LISA ser tikkoordina l-ġestjoni tal-proġett tal-aġġornament tas-sistema. L-Aġenzija ser tistabbilixxi struttura għall-ġestjoni tal-proġett u tipprovdi skeda ta' żmien dettaljata bi stadji importanti għall-implimentazzjoni tat-tibdil propost biex il-Kummissjoni tkun tista' timmonitorja mill-qrib l-implimentazzjoni tal-proposta.

Għan speċifiku - Id-dħul fl-operazzjonijiet tal-funzjonalitajiet aġġornati tas-SIS fl-2020

Indikatur - tkomplija b'suċċess ta' ttestjar komprensiv ta' qabel it-tnedija tas-sistema riveduta.

Ladarba s-sistema tkun operattiva

Ladarba s-sistema tkun operattiva, eu-LISA għandha tiżgura li jkunu jeżistu l-proċeduri għall-monitoraġġ tal-funzjonament tas-SIS skont l-għanijiet, f'termini ta' riżultati, kost-effettività, sigurtà u kwalità tas-servizz. Sentejn wara li tibda taħdem is-SIS u kull sentejn minn hemm 'il quddiem, eu-LISA għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar il-funzjonament tekniku tas-SIS Ċentrali u l-Infrastruttura ta' Komunikazzjoni, inklużi s-sigurtà tagħhom, u l-iskambju bilaterali u multilaterali ta' informazzjoni supplimentari bejn l-Istati Membri. Barra minn hekk, eu-LISA tipproduċi statistika ta' kuljum, mensili u annwali li turi n-numru ta' rekords għal kull kategorija ta' twissija, in-numru annwali ta' hits miksuba għal kull kategorija ta' twissija, kemm-il darba sar tiftix fis-SIS u kemm-il darba s-sistema ġiet aċċessata bl-għan li tiddaħħal, tiġi aġġornata jew titħassar twissija, b'kollox u għal kull Stat Membru.

Tliet snin wara li tibda taħdem is-SIS u kull erba' snin minn hemm 'il quddiem, il-Kummissjoni tipproduċi evalwazzjoni ġenerali tas-SIS Ċentrali u l-iskambju bilaterali u multilaterali ta' informazzjoni supplimentari bejn l-Istati Membri. Din l-evalwazzjoni ġenerali tinkludi eżami tar-riżultati miksuba meta mqabbla mal-għanijiet, u valutazzjoni tal-validità kontinwa tar-raġunament sottostanti, l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament fir-rigward tas-SIS Ċentrali, is-sigurtà tas-SIS Ċentrali u kull implikazzjoni għall-ħidma futura. Il-Kummissjoni għandha tibgħat l-evalwazzjoni lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill.

Għan speċifiku - l-użu effettiv tas-SIS għall-finijiet tar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu illegalment.

Indikatur - ir-rapporti ta' statistika dwar in-numru ta' twissijiet, maħruġa minn eu-LISA u n-numru ta' hits, provduti mill-Istati Membri jippermettu lill-COM tivvaluta r-riżultati u l-impatt tal-inizjattiva u kif qed jimplimentawha l-Istati Membri.

## 1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

### *1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid/u jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil*

1. L-indirizzar tal-migrazzjoni irregolari, it-titjib tal-funzjonament tas-sistema ta' ritorn u t-titjib tal-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri;

2. L-assigurazzjoni tal-fiduċja pubblika fil-politika tal-UE dwar il-migrazzjoni u l-ażil u l-forniment ta' appoġġ adegwat lil persuni li jkunu jeħtieġu protezzjoni;

3. Il-possibbiltà tar-rikonoxximent reċiproku u l-infurzar mal-UE kollha ta' deċiżjonijiet ta' ritorn maħruġa skont id-Direttiva 2008/115/KE fost l-awtoritajiet tal-migrazzjoni f'konformità mal-acquis tal-UE;

4. Il-verifika tal-konformità ma' deċiżjonijiet ta' ritorn u azzjonijiet tal-awtoritajiet kompetenti infurmati aħjar;

5. Il-forniment ta' data u statistika aktar affidabbli dwar in-numru ta' deċiżjonijiet ta' ritorn maħruġa u dwar ir-rata ta' konformità;

6. Id-deċiżjonijiet ta' ritorn kollha maħruġa mill-awtoritajiet tal-Istati Membri skont id-Direttiva 2008/115/KE għandhom jiddaħħlu fis-SIS;

7. Il-kontribut għall-identifikazzjoni u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni bejn l-Istati Membri dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma s-suġġett ta' deċiżjoni ta' ritorn maħruġa skont id-Direttiva 2008/115/KE.

### *1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-UE*

L-għan tal-proposta, jiġifieri l-istabbiliment ta' sistema għall-kondiviżjoni ta' informazzjoni dwar deċiżjonijiet ta' ritorn maħruġa skont id-Direttiva 2008/115/KE u għall-monitoraġġ ta' jekk ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għal tali deċiżjonijiet maħruġa skont id-Direttiva 2008/115/KE ħallewx it-territorju tal-Istati Membri, ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri li jaġixxu waħedhom. L-informazzjoni dwar deċiżjonijiet ta' ritorn miżmuma f'sistemi tal-immigrazzjoni nazzjonali mhijiex sistematikament kondiviża ma' Stati Membri oħra. B'konsegwenza, l-Istati Membri l-oħra ma jkunux konxji ta' deċiżjonijiet ta' ritorn maħruġa fir-rigward ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jiċċaqilqu liberament madwar l-UE u li jkunu fi tranżizzjoni fi Stati Membri oħra. Huwa importanti li jiġi enfasizzat il-valur miżjud ta' sistema mifruxa mal-UE kollha li jkollha l-kapaċità li tindirizza b'mod effettiv il-lakuni ta' informazzjoni attwali fir-rigward tal-politika ta' ritorn, xi ħaġa li ma tistax issir bl-użu ta' sistemi nazzjonali separati. L-użu ta' sistemi nazzjonali jipperpetwa l-kwistjonijiet dwar in-nuqqas ta' armonizzazzjoni fil-ġestjoni ta' deċiżjonijiet ta' ritorn mal-Istati Membri kollha. Barra minn hekk, id-dħul ta' deċiżjonijiet ta' ritorn fis-SIS jipprovdi wkoll lill-Istati Membri l-oħra bil-possibbiltà li jistabbilixxu jekk persuna li tkun qed tiġi kontrollata jkollhiex deċiżjoni ta' ritorn (waħda jew aktar) relatata magħha. Għaldaqstant, il-valur miżjud tal-involviment tal-UE ser ikun fiż-żieda tal-viżibbiltà ta' deċiżjonijiet ta' ritorn ta' Stati Membri oħra.

Il-ħolqien ta' twissijiet dwar deċiżjonijiet ta' ritorn u projbizzjonijiet ta' dħul fis-SIS itejjeb ukoll il-kwalità tal-informazzjoni u jippermetti lill-uffiċjali fuq il-post biex jiksbu informazzjoni suffiċjenti, f'waqtha, pertinenti, preċiża u fformatjata b'mod utli. L-utenti aħħarin ikollhom informazzjoni aħjar għad-dispożizzjoni tagħhom u, għalhekk, l-involviment tal-UE jsaħħaħ b'mod sinifikattiv l-aspetti operattivi tal-ħidma tagħhom.

*1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

1. Il-fażi tal-iżvilupp jenħtieġ li tibda biss wara li r-rekwiżiti tekniċi u operattivi jkunu kompletament definiti. Is-SIS mhux ser tkun aġġornata sakemm l-istrumenti legali sottostanti, li jistabbilixxu l-għan, l-ambitu, il-funzjonijiet u d-dettalji tekniċi tagħha, ma jkunux adottati b'mod definittiv;

2. Il-Kummissjoni wettqet (u tkompli twettaq) konsultazzjonijiet kontinwi mal-partijiet konċernati rilevanti, inklużi delegati għall-Kumitat SISVIS taħt il-proċedura ta' Komitoloġija u l-Grupp ta' Kuntatt għad-Direttiva dwar ir-Ritorn. Saru diskussjonijiet f'diversi laqgħat tal-Kumitat SISVIS (fl-10 ta' Mejju 2016 u fit-30 ta' Ġunju 2016) u l-Grupp ta' Kuntatt għad-Direttiva dwar ir-Ritorn (fis-16 ta' Novembru 2015, fit-18 ta' Marzu u fl-20 ta' Ġunju 2016). Fil-5 ta' Frar 2016 sar workshop konġunt mad-delegati għall-Kumitat SISVIS u l-Grupp ta' Kuntatt għad-Direttiva dwar ir-Ritorn.

3. Il-Kummissjoni fittxet ukoll ħila esperta esterna; is-sejbiet ġew inkorporati fl-iżviluppi ta' din il-proposta:

- F'Ottubru 2015, il-Kummissjoni nediet studju estern[45] bl-għan li jkunu valutati l-fattibbiltà u l-implikazzjonijiet tekniċi u operattivi tal-istabbiliment fi ħdan il-kuntest tas-SIS ta' sistema mifruxa mal-UE kollha għall-iskambju ta' data dwar il-konformità ma' deċiżjonijiet ta' ritorn u għall-monitoraġġ tagħha. L-istudju kien konkluż f'April 2016.

*1.5.4. Kompatibbiltà u sinerġija possibbli ma' strumenti xierqa oħra*

Din il-proposta hija kompatibbli ma' u tibni fuq id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2008/115/KE dwar standards u proċeduri komuni għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment. Din tipprova toħloq viżibbiltà u livell ogħla ta' konformità fir-rigward ta' deċiżjonijiet ta' ritorn maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti skont il-proċeduri stabbiliti fid-Direttiva 2008/115/KE. Billi tagħmilha obbligatorja li deċiżjonijiet ta' ritorn jiddaħħlu fis-SIS, din il-proposta ser tappoġġa l-infurzar ta' dawn id-deċiżjonijiet.

Din il-proposta hija wkoll konsisteni ma' linji politiċi oħra tal-UE u ma' proposti leġiżlattivi tal-Kummissjoni, jiġifieri:

1. Politika tar-ritorn tal-UE effettiva li ttejjeb u tikkontribwixxi għas-sistema tal-UE għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jkollhom l-ebda dritt joqogħdu fit-territorju tal-Istati Membri. Din tkun tikkontribwixxi biex jitnaqqsu l-inċentivi għall-migrazzjoni irregolari, li huwa wieħed mill-objettivi prinċipali tal-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni

2. EURODAC u s-sistema ta' Dublin - l-introduzzjoni ta' deċiżjonijiet ta' ritorn fis-SIS ser tappoġġa lill-Istati Membri biex isegwu jekk persuni li jkunu qed ifittxu l-ażil u li l-applikazzjoni tagħhom tkun ġiet miċħuda ħallewx it-territorju tal-Istati Membri u rritornaw lejn pajjiż terz f'konformità ma' deċiżjoni ta' ritorn. Din tikkumplimenta wkoll il-proposta tal-Kummissjoni biex ikun estiż l-użu tal-EURODAC għall-

---

[45] L-istudju dwar il-fattibbiltà u l-implikazzjonijiet tal-istabbiliment fil-qafas tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen ta' sistema mifruxa mal-UE kollha għall-iskambju ta' data dwar il-konformità ma' deċiżjonijiet ta' ritorn u l-monitoraġġ tagħha https://bookshop.europa.eu/en/study-on-the-feasibility-and-implications-of-setting-up-within-the-framework-of-the-schengen-information-system-an-eu-wide-system-for-exchanging-data-on-and-monitoring-compliance-with-return-decisions-pbDR0116353/)

identifikazzjoni ta' ċittadini ta’ pajjiżi terzi li ma jitolbux ażil u li jistgħu jiċċaqilqu liberament madwar l-UE mingħajr ma jinqabdu;

3. Sistema ta’ Dħul/Ħruġ - ir-Regolament il-ġdid se jikkumplementa l-proposta tal-Kummissjoni dwar is-sistema ta' Dħul/Ħruġ u l-użu tagħha biex jiġu identifikati u misjuba persuni b'permanenza b'awtorizzazzjoni skaduta (anki fit-territorju stess);

4. Kodiċi tal-Fruntieri ta’ Schengen - peress li ser tikkumplementa l-emenda tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta’ Schengen[46] relatat mal-obbligu li ċittadini ta’ pajjiżi terzi jkunu sistematikament kontrollati mal-bażijiet ta’ data rilevanti dwar il-ħruġ.

5. Il-proposta tal-Kummissjoni dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta’ Informazzjoni ta’ Schengen (SIS) fil-qasam tal-kontrolli fil-fruntiera u li tħassar ir-Regolament (KE) Nru 1987/2006 peress li ser tikkumplimenta d-dispożizzjonijiet relatati mar-reġistrazzjoni ta’ projbizzjonijiet ta’ dħul fis-SIS wara r-ritorn taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat.

[46] COM (2015) 670 final.

## 1.6. Durata u impatt finanzjarju

☐ Proposta/inizjattiva ta' **durata limitata**

– ☐ Proposta/inizjattiva fis-seħħ minn [JJ/XX]SSSS sa [JJ/XX]SSSS

– ☐ Impatt finanzjarju minn SSSS sa SSSS

☑ Proposta/inizjattiva ta'**durata mhux limitata**

– Implimentazzjoni b'perjodu ta' bidu mill-2018 sal-2020

– segwita b'operazzjoni fuq skala sħiħa.

## 1.7. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)[47]

☑ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

– ☑ mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

– ☐ mill-aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☑ **Ġestjoni Indiretta** billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja:

– ☐ lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom;

– ☐ organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);

– ☐lill-BEI u lill-Fond Ewropew tal-Investiment;

– ☑ lill-korpi msemmija fl-Artikoli 208 u 209 tar-Regolament Finanzjarju;

– ☐ lill-korpi tal-liġi pubblika;

– ☐ korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ lill-korpi rregolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.

– *Jekk jiġi indikat iżjed minn mod ta' ġestjoni wieħed, jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

Kummenti

Il-Kummissjoni ser tkun responsabbli mill-ġestjoni ġenerali tal-politika u eu-LISA ser tkun responsabbli mill-iżvilupp, it-tħaddim u ż-żamma tas-sistema.

L-ispejjeż relatati mal-infrastruttura tal-komunikazzjoni (approprjazzjoni DĠ HOME) imsemmija fid-Dikjarazzjonijiet Finanzjarji Leġiżlattivi mehmuża mal-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament dwar **l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fi kwistjonijiet ta' kontrolli fil-fruntiera**[48] **u l-**Proposta

[47] Id-dettalji tal-metodi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju huma disponibbli fis-sit tal-BudgWeb: http://www.cc.cec/budg/man/budgmanag/budgmanag_mt.html

[48] ĠU L...

tal-Kummissjoni għal Regolament **dwarl-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam ta' kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali**[49] japplikaw għall-proposta kurrenti wkoll. L-ispejjeż imsemmija taħt il-proposta preżenti huma kumplimentarji għall-proposti msemmija hawn fuq peress li s-SIS tikkostitwixxi sistema ta' informazzjoni unika waħda.

[49] ĠU L …

## 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

### 2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

*Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.*

Id-dispożizzjonijiet ta' reviżjoni u ta' monitoraġġ inklużi fl-Artikolu 54 (7) u (8) tal-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-kontrolli fil-fruntiera huma applikabbli.

Il-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-Aġenzija ser jirrevedu u jimmonitorjaw regolarment l-użu tas-SIS, biex jiżguraw li tkompli taħdem b'mod effettiv u effiċjenti. Il-Kummissjoni ser tkun megħjuna mill-Kumitat biex timplimenta l-miżuri tekniċi u operattivi kif deskritt f'din il-proposta.

Kull sentejn, eu-LISA hija mitluba tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-funzjonament tekniku - inkluża s-sigurtà - tas-SIS, l-infrastruttura ta' komunikazzjoni li tappoġġaha, u l-iskambju bilaterali u multilaterali ta' informazzjoni supplimentari bejn l-Istati Membri.

Barra minn hekk, kull erba' snin, il-Kummissjoni hija mitluba twettaq, u tikkondividi mal-Parlament u mal-Kunsill, evalwazzjoni globali tas-SIS u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri. Din se:

a) teżamina r-riżultati miksuba meta mqabbla mal-objettivi;

b) tivvaluta jekk ir-razzjonal sottostanti għas-sistema għadux validu;

c) teżamina kif ir-Regolament qed jiġi applikat għas-sistema ċentrali;

d) tevalwa s-sigurtà tas-sistema ċentrali;

e) tesplora l-implikazzjonijiet għall-funzjonament futur tas-sistema.

### 2.2. Barra minn hekk, eu-LISA issa hija mitluba wkoll tipprovdi statistika ta' kuljum, mensili u annwali dwar l-użu tas-SIS, fejn jiġi żgurat il-monitoraġġ kontinwu tas-sistema u l-funzjonament tagħha meta mqabbel mal-objettivi. Sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll

*2.2.1. Riskju/i identifikat(i)*

Ir-riskji li ġejjin huma identifikati:

1. Diffikultajiet potenzjali għal eu-LISA fil-ġestjoni tal-iżviluppi preżentati fil-proposta attwali b'mod parallel ma' żviluppi eżistenti oħra (eż. l-implimentazzjoni ta' AFIS fis-SIS) u żviluppi futuri (eż. is-sistema ta' Dħul-Ħruġ, ETIAS u l-aġġornament ta' Eurodac). Dan ir-riskju jista' jittaffa' billi jiġi żgurat li eu-LISA jkollha persunal u riżorsi suffiċjenti biex twettaq dawn il-kompiti u l-ġestjoni kontinwa tal-kuntrattur responsabbli biex din Tinżamm f'Kundizzjoni ta' Operat Tajjeb (MWO = Maintenance in Working Order).

2. Diffikultajiet għall-Istati Membri:

2.1 Diffikultajiet ta' natura finanzjarja peress li l-implimentazzjoni tirrikjedi anki investimenti min-naħa tal-Istati Membri. Dan ir-riskju jista' jittaffa permezz tal-forniment ta' finanzjament tal-UE għall-Istati Membri, eż. mill-komponent Fruntieri tal-Fond għas-Sigurtà Interna (ISF - Fruntieri).

2.2 Is-sistemi nazzjonali jridu jiġu allinjati ma’ rekwiżiti ċentrali u diskussjonijiet mal-Istati Membri dwar dan jistgħu jintroduċu dewmien fl-iżvilupp. Dan ir-riskju jista’ jittaffa permezz ta’ involviment bikri mal-Istati Membri dwar din il-kwistjoni biex jiġi żgurat li tkun tista’ tittieħed azzjoni fil-ħin propizju.

2.3 Riskji relatati ma’ proċeduri fil-livell nazzjonali.

2.3.1 Id-deċiżjonijiet ta’ ritorn mhumiex maħluqa, aġġornati jew imħassra f’waqthom:

- il-mekkaniżmu biex ikun verifikat li persuna li hija s-suġġett ta’ deċiżjoni ta’ ritorn effettivament tirritorna fil-perjodu għal tluq volontarju jaħdem biss meta d-deċiżjonijiet ta’ ritorn ikunu mdaħħla minnufih bħala twissijiet fis-SIS hekk kif jinħarġu;

- jista’ jiġri li minħabba li s-SIS temporanjament ma tkunx disponibbli fil-fruntieri esterni jew minħabba żball uman, it-tluq tal-persuna ma jiġix reġistrat, jiġifieri t-twissija dwar ritorn tibqa’ fis-SIS u t-twissija relatata ma’ projbizzjoni ta’ dħul ma tiddaħħalx wara t-tluq tal-persuna. Dan ir-riskju jista’ jittaffa’ billi jingħata aċċess għal twissijiet dwar deċiżjonijiet ta’ ritorn lill-gwardji tal-fruntiera mad-dħul biex dawn jaraw it-twissija waqt il-proċess tad-dħul u jikkuntattjaw lill-awtoritajiet kompetenti biex jiddeterminaw azzjonijiet ulterjuri fil-każ ta’ hit.

### 2.2.2. *Tagħrif dwar is-sistema ta’ kontroll intern li ġiet stabbilita*

Ir-responabbiltajiet għall-komponenti ċentrali tas-SIS huma eżerċitati minn eu-LISA. Sabiex ikun faċilitat monitoraġġ aħjar tal-użu tas-SIS biex ikunu analizzati xejriet dwar pressjoni migratorja, ġestjoni tal-fruntieri u reati kriminali, jenħtieġ li l-Aġenzija tkun tista’ tiżviluppa l-aktar kapaċità tal-ogħla livell għar-rappurtar tal-istatistika lill-Istati Membri u l-Kummissjoni.

Il-kontijiet ta’ eu-LISA għandhom jiġu preżentati għall-approvazzjoni tal-Qorti tal-Awdituri u soġġetti għall-proċedura ta' rilaxx. Is-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni jwettaq awditjar f’kooperazzjoni mal-awditur intern tal-Aġenzija.

### 2.2.3. *Stima tal-kostijiet u tal-benefiċċji tal-kontrolli u valutazzjoni tal-livell mistenni ta’ riskju ta’ errur*

Mhux Applikabbli

## 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta’ frodi u ta' irregolaritajiet

*Speċifika l-miżuri ta’ prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti.*

Il-miżuri previsti kontra l-frodi huma stipulati fl-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 1077/2011 li jipprevedi kif ġej:

1. Sabiex jiġu miġġielda l-frodi, il-korruzzjoni u attivitajiet illegali oħra, għandu japplika r-Regolament (KE) Nru 1073/1999.

2. L-Aġenzija għandha tkun parti mill-Ftehim Interistituzzjonali dwar investigazzjonijiet interni mill-Uffiċċju Ewropew ta’ Kontra l-Frodi (OLAF) u mingħajr dewmien, għandha toħroġ id-dispożizzjonijiet adatti applikabbli għall-impjegati kollha tal-Aġenzija.

3. Id-deċiżjonijiet dwar il-finanzjament u l-ftehimiet u l-istrumenti ta' implimentazzjoni li jirriżultaw minnhom għandhom jistipulaw b’mod espliċitu li l-Qorti tal-Awdituri u l-OLAF jistgħu jwettqu, jekk meħtieġ, kontrolli fuq il-post fost

ir-riċeventi tal-finanzjament mill-Aġenzija u l-aġenti responsabbli għall-allokazzjoni tiegħu.

Skont din id-dispożizzjoni, id-deċiżjoni tal-Bord ta' Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja li tikkonċerna t-termini u l-kundizzjonijiet għall-investigazzjonijiet interni b'relazzjoni mal-prevenzjoni tal-frodi, il-korruzzjoni u kull attività illegali detrimentali għall-interessi tal-Unjoni, ġiet adottata fit-28 ta’ Ġunju 2012.

Se tapplika l-istrateġija għall-prevenzjoni u l-kxif ta’ frodi ta' DG HOME.

## 3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

### 3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja baġitarja tan-nefqa affettwati

- Linji baġitarji eżistenti

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | Linja baġitarja | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Intestatura 3 - Sigurtà u Ċittadinanza | Diff./Mhux diff[50]. | mill-pajjiżi tal-EFTA[51] | mill-pajjiżi kandidati[52] | minn pajjiżi terzi | skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju |
| | 18.0207 Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (eu-LISA). | Diff | LE | LE | IVA | LE |

50 Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.

51 EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

52 Pajjiżi kandidati u, meta jkun applikabbli, pajjiżi kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

## 3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

### *3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| **Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali** | 3 | Sigurtà u Ċittadinanza |
|---|---|---|

| eu-LISA | | | Sena **2018** | Sena **2019** | Sena **2020** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| • Approprjazzjonijiet operazzjonali | | | | | | |
| Titolu 1: Spejjeż tal-persunal | Impenji | (1) | 0,070 | 0,070 | 0,070 | **0,210** |
| | Pagamenti | (2) | 0,070 | 0,070 | 0,070 | **0,210** |
| Titolu 2: Nefqa fuq l-infrastruttura u nefqa operatorja | Impenji | (1a) | 0 | 0 | 0 | **0** |
| | Pagamenti | (2a) | 0 | 0 | 0 | **0** |
| Titolu 3: Nefqa operazzjonali | Impenji | (1a) | 2,520 | 0,447 | 0,447 | **3,414** |
| | Pagamenti | (2a) | 1,008 | 1,959 | 0,447 | **3,414** |
| **Total tal-approprjazzjonijiet għal eu-LISA** | Impenji | =1+1a +3 | 2,590 | 0,517 | 0,517 | **3,624** |
| | Pagamenti | =2+2a +3 | 1,078 | 2,029 | 0,517 | **3,624** |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| •TOTAL tal-approprjazzjonijiet operazzjonali | Impenji | (4) | | | | | |
| | Pagamenti | (5) | | | | | |
| • TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal | | (6) | | | | | |

MT



MT

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| programmi speċifiċi | | | | | | | | |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INESTATURA <….>** tal-qafas finanzjarju pluriennali | Impenji | =4+ 6 | | | | | | |
| | Pagamenti | =5+ 6 | | | | | | |

**Jekk il-proposta/l-inizjattiva taffettwa iżjed minn intestatura waħda:**

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| •TOTAL tal-approprjazzjonijiet operazzjonali | Impenji | (4) | | | | |
| | Pagamenti | (5) | | | | |
| • TOTAL ta' approprjazzjonijiet ta’ natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi | | (6) | | | | |
| **TOTAL ta' approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURI minn 1 sa 4** tal-qafas finanzjarju pluriennali (Ammont ta' referenza) | Impenji | =4+ 6 | 2,590 | 0,517 | 0,517 | **3,624** |
| | Pagamenti | =5+ 6 | 1,078 | 2,029 | 0,517 | **3,624** |

| **Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali** | **5** | “Nefqa amministrattiva” |
|---|---|---|

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | | Sena **N** | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn snin biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| DĠ: <…….> | | | | | | | | | |
| • Riżorsi Umani | | | | | | | | | |
| • Nefqa amministrattiva oħra | | | | | | | | | |
| **TOTAL DĠ**<…….> | Approprjazzjonijiet | | | | | | | | |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL ta' approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURA 5** tal-qafas finanzjarju pluriennali | (Total ta' impenji = Total ta' pagament) | | | | | | | | |

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | | Sena **N**[53] | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL ta' approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURI minn 1 sa 5** tal-qafas finanzjarju pluriennali | Impenji | | | | | | | | |
| | Pagamenti | | | | | | | | |

53 Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva.

### 3.2.2. *Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali ta' eu-LISA*

- ☐Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta’ approprjazzjonijiet operazzjonali
- ☑ Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu ta’ approprjazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet ta’ impenn f’miljuni ta’ EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| **Indika l-għanijiet u l-outputs** ⇩ | | | Sena **2018** | | Sena **2019** | | Sena **2020** | | Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | | | | | | **TOTAL** | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **OUTPUTS** | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | Tip[54] | Kost medju | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru totali | Kost totali | | |
| GĦAN SPEĊIFIKU Nru 1[55] Żvilupp tas-Sistema Ċentrali | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Kuntrattur | | | 1 | 0,770 | | | | | | | | | | | | | | 0,770 | | |
| Softwer | | | 1 | 1,500 | | | | | | | | | | | | | | 1,500 | | |
| Ħardwer | | | 1 | 0,250 | | | | | | | | | | | | | | 0,250 | | |
| Subtotal tal-għan speċifiku Nru 1 | | | | 2,520 | | | | | | | | | | | | | | 2,520 | | |
| GĦAN SPEĊIFIKU Nru 2 Manutenzjoni tas-Sistema Ċentrali | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Kuntrattur | | | 1 | 0 | 1 | 0,078 | 1 | 0,078 | | | | | | | | | | 0,156 | | |
| Softwer | | | 1 | 0 | 1 | 0,225 | 1 | 0,225 | | | | | | | | | | 0,450 | | |
| Ħardwer | | | 1 | 0 | 1 | 0,075 | 1 | 0,075 | | | | | | | | | | 0,150 | | |

54 L-outputs huma l-prodotti u s-servizzi li għandhom ikunu pprovduti (pereżempju: l-għadd ta’ skambji tal-istudenti ffinanzjati, l-għadd ta’ kilometri ta’ toroq mibnija, eċċ).

55 Kif deskritt fil-punt 1.4.2. “Għan(ijiet) speċifiku/ċi…”

| | | | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Subtotal tal-għan speċifiku Nru 2 | | 0 | | 0,378 | | 0,378 | | | | | | | | | | 0,756 |
| GĦAN SPEĊIFIKU Nru 3<br>Laqgħat/Taħriġ | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Attivitajiet ta' taħriġ | | | 1 | 0,069 | 1 | 0,069 | | | | | | | | | | 0,138 |
| Subtotal għall-għan speċifiku Nru 3 | | | | 0,069 | | 0,069 | | | | | | | | | | 0,138 |
| **KOST TOTALI** | | 2,520 | | 0,447 | | 0,447 | | | | | | | | | | 3,414 |

*3.2.3. L-impatt stmat fuq ir-riżorsi umani ta' eu-LISA*

3.2.3.1 Sommarju

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

– ☑ Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (aġġustati għaltliet pożizzjonijiet deċimali)

| | Sena **2018** | Sena **2019** | Sena **2020** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|
| Uffiċjali (Gradi AD) | | | | |
| Uffiċjali (Gradi AST) | | | | |
| Persunal b'kuntratt | 0,070 | 0,070 | 0,070 | 0,210 |
| Persunal temporanju | | | | |
| Esperti Nazzjonali Sekondati | | | | |
| TOTAL | 0,070 | 0,070 | 0,070 | 0,210 |

Ir-reklutaġġ huwa ppjanat għal Jannar 2018. Il-persunal għandu jkun disponibbli mill-bidu tal-2018 biex l-iżvilupp ikun jista' jibda f'ħin debitu bl-għan li jkun żgurat li l-ħidma tibda fl-2020. Aġent Kuntrattwali (AC) huwa meħtieġ biex ikunu koperti l-ħtiġijiet kemm għall-implimentazzjoni tal-proġett kif ukoll għall-appoġġ operattiv u l-manutenzjoni wara l-bidu tal-produzzjoni. Din ir-riżorsa ser tintuża biex:

- Tappoġġa l-implimentazzjoni tal-proġett bħala membri tat-tim tal-proġett, inklużi attivitajiet bħal: id-definizzjoni ta' rekwiżiti u speċifikazzjonijiet tekniċi, kooperazzjoni u appoġġ lill-Istati Membri matul l-implimentazzjoni, aġġornamenti tad-Dokument ta' Kontroll tal-Interfaċċa (ICD - Interface Control Document), is-segwitu tal-konsenji kuntrattwali, konsenja u aġġornamenti ta' dokumentazzjoni, eċċ.
- Tappoġġa attivitajiet ta' tranżizzjoni biex is-sistema tibda taħdem f'kooperazzjoni mal-kuntrattur (segwitu ta' rilaxxi, aġġornamenti tal-proċess operattiv, taħriġ (inklużi attivitajiet ta' taħriġ fl-Istati Membri) eċċ.
- Fil-perjodu aktar fit-tul tappoġġa l-attivitajiet, id-definizzjoni ta' speċifikazzjonijiet, tħejjijiet kuntrattwali fil-każ li jkun hemm inġinerija mill-ġdid tas-sistema jew fil-każ li l-kuntratt il-ġdid ta' Żamma f'Kundizzjoni li Taħdem (MWO, Maintenance in Working

Order) tas-SISII ikollu bżonn jiġi emendat biex ikun kopert tibdil addizzjonali (mill-perspettiva teknika u baġitarja).

- Ikun infurzat l-appoġġ tat-tieni livell wara l-Bidu tal-Ħidma (Entry into Operation, EiO), waqt manutenzjoni u operazzjonijiet kontinwi.

Għandu jiġi nnutat li r-riżorsa l-ġdida (FTE CA) ser taġixxi flimkien mar-riżorsi ta' timijiet interni li ser ikunu wkoll dedikati għall-proġetti u l-attivitajiet l-oħra u għal attivitajiet ta' proġetti/kuntrattwali u ta' segwitu finanzjarju/operazzjonali. L-użu ta' pożizzjoni ta' AC ser tipprovdi tul ta' żmien u kontinwità adegwati tal-kuntratti biex tkun żgurata l-kontinwità tal-ħidma u l-użu tal-istess persuni speċjalizzati għal attivitajiet ta' appoġġ operattiv wara l-konklużjoni tal-proġett. Barra minn dan, l-attivitajiet ta' appoġġ operattiv jirrikjedu aċċessi għall-ambjent tal-produzzjoni li ma jistgħux jingħataw lil kuntratturi jew persunal estern.

.

### 3.2.3.2 Rekwiżiti stmati ta’ riżorsi umani

– ☐ Il-proposta/inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta’ riżorsi umani.

– ☐ Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu ta’ riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

*L-istima trid tiġi espressa f’unitajiet ekwivalenti għall-full-time*

| | Sena **N** | Sena **N+1** | Sena N+2 | Sena N+3 | Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) |
|---|---|---|---|---|---|
| **• Pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u aġenti temporanji)** | | | | | |
| XX 01 01 01 (Kwartieri ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni) | | | | | |
| XX 01 01 02 (Delegazzjonijiet) | | | | | |
| XX 01 05 01 (Riċerka indiretta) | | | | | |
| 10 01 05 01 (Riċerka diretta) | | | | | |
| **• Persunal estern (f’unità Ekwivalenti għal Full Time: FTE)**[56] | | | | | |
| XX 01 02 01 (AC, END, INT mill-“pakkett globali”) | | | | | |
| XX 01 02 02 (AC, AL, END, INT u JED fid-Delegazzjonijiet) | | | | | |
| **XX** 01 04 **yy** [57] - fil-Kwartieri Ġenerali | | | | | |
| **XX** 01 04 **yy** [57] - fid-Delegazzjonijiet | | | | | |
| **XX** 01 05 02 (AC, END, INT - Riċerka indiretta) | | | | | |
| 10 01 05 02 (AC, END, INT - Riċerka diretta) | | | | | |
| Linji baġitarji oħra (speċifika) | | | | | |
| **TOTAL** | | | | | |

**XX** huwa l-qasam ta’ politika jew it-titolu tal-baġit ikkonċernat.

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu koperti mill-persunal tad-DĠ li diġà jkun assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkun ġie riassenjat fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma’ kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista’ tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta’ allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

| | |
|---|---|
| Uffiċjali u persunal temporanju | |
| Persunal estern | |

[56] AC = Aġent Kuntrattwali; AL = Persunal Lokali; END = Espert Nazzjonali Sekondat; INT= persunal tal-aġenzija; JED = Esperti Żgħażagħ fid-Delegazzjonijiet.

[57] Sottolimitu għall-persunal estern kopert minn approprjazzjonijiet operazzjonali (li qabel kienu l-linji "BA").

3.2.4. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju pluriennali preżenti.

– ☑ Il-proposta/l-inizjattiva se tinvolvi programmazzjoni mill-ġdid tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju pluriennali.

| |
|---|
| Huwa ppjanat riprogrammar tal-bqija tal-pakkett Fruntiera Intelliġenti tal-Fond għas-Sigurtà Interna biex jimplimenta t-tibdil previst f'din il-proposta. Ir-Regolament tal-Fruntieri FSI huwa l-istrument finanzjarju fejn ġie inkluż il-baġit għall-implimentazzjoni tal-pakkett tal-Fruntieri Intelliġenti. Fl-Artikolu 5 dan jipprevedi li EUR 791 miljun għandhom ikunu implimentati permezz ta' programm għall-istabbiliment ta' sistemi tal-IT li jappoġġaw il-ġestjoni ta' flussi ta' migrazzjoni mill-fruntiera esterna taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 15. Mill-EUR 791 miljun imsemmija hawn fuq, EUR 480 miljun huma riżervati għall-iżvilupp tas-Sistema ta Dħul-Ħruġ u EUR 210 miljun għall-iżvilupp tas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS). Il-bqija, EUR 100.828 miljun ser ikunu parzjalment użati biex ikunu koperti l-ispejjeż għat-tibdil, previst fil-proposta attwali. |

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-applikazzjoni tal-istrument ta' flessibbiltà jew reviżjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali.

| |
|---|
| Spjega x'inhu meħtieġ, billi tispeċifika l-intestaturi u l-intestaturi tal-baġit konċernati u l-ammonti korrispondenti. |

3.2.5. *Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

– ☑Il-proposta/l-inizjattiva ma tipprevedix kofinanzjament minn partijiet terzi.

– Il-proposta/inizjattiva tipprevedi l-kofinanzjament stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f'miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | Sena **N** | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Speċifika l-korp ta' kofinanzjament | | | | | | | | |
| TOTAL tal-approprjazzjonijiet kofinanzjati | | | | | | | | |

### 3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– ☑ Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

  – ☐ fuq ir-riżorsi proprji

  – ☑ fuq dħul mixxellanju

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| Linja baġitarja tad-dħul: | Approprjazzjonijiet disponibbli għas-sena finanzjarja attwali | Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva[58] | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Sena **2018** | Sena 2019 | Sena 2020 | Sena 2021 | Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | |
| Artikolu 6313 | | p.m | p.m | p.m | p.m | | | |

Għad-dħul mixxellanju assenjat, speċifika l-linja/i tan-nefqa tal-baġit affettwat/i.

| |
|---|
| 18.02.08 (Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen), 18.02.07 (eu-LISA) |

Speċifika l-metodu għall-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul.

| |
|---|
| Il-baġit għandu jinkludi kontribuzzjoni mill-pajjiżi assoċjati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen. |

58 Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 25 % tal-kostijiet tal-ġbir.